ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 250

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

2 ta' Ottubru 2008

Avviż Nru | Werrej | Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**

2008/C 250/01 Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ................................ 1

2008/C 250/02 Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ([1]) ............................ 2

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**

2008/C 250/03 Ir-rata ta' l-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament: 4,65 % fl-1 ta' Ottubru 2008 — Rata tal-kambju ta' l-euro ...................................... 6

2008/C 250/04 Informazzjoni importanti għall-organiżmi tal-pensjoni attivi fil-qasam tat-tfaddil għall-pensjoni ("it-tielet pilastru") ........................................................................................................ 7

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2008/C 250/05 Informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ([1]) ...................................................................... 10

MT



([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

INFORMAZZJONI DWAR L-ISPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

**Awtorità ta' Sorveljanza EFTA**


2008/C 250/06 Komunikazzjoni mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 4(1)(a) tal-Att imsemmi f'punt 64(a) fl-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 dwar aċċess għat-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità għal rotot tal-ajru intra-Komunitarji) — Impożizzjoni ta' obbligi ġodda ta' servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru reġjonali skedati fin-Norveġja ...................... 11

2008/C 250/07 Servizzi tal-ajru reġjonali bi skeda fin-Norveġja — Sejħa għall-offerti ............................................. 35


V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Kummissjoni**


2008/C 250/08 It-tħaddim ta' servizzi tal-ajru skedati — Stedina għall-offerti għal kuntratti rigward it-tħaddim ta' disa' rotot skedati tal-ajru, soġġetti għal obbligi tas-servizz pubbliku, maħruġa mir-Repubblika Ellenika skont l-Artikolu (4)(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 ([1]) ............................................... 39

2008/C 250/09 It-tħaddim ta' servizzi tal-ajru skedati — Stedina għall-offerti għal kuntratti rigward it-tħaddim ta' għaxar rotot skedati tal-ajru, soġġetti għal obbligi tas-servizz pubbliku, maħruġa mir-Repubblika Ellenika skont l-Artikolu (4)(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 ([1]) ........................... 42

2008/C 250/10 Sejħa għal proposti — EACEA/31/08 — Azzjoni 4.1 — Appoġġ għal organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ ........................................................................................ 45


PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Kummissjoni**


2008/C 250/11 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5315 — STAK Van der Sluijs Groep/Frisol Beheer/North Sea Petroleum Holding) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ............... 47


ATTI OĦRAJN

**Kummissjoni**


2008/C 250/12 Avviż dwar talba skond l-Artikolu 30 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE — Estensjoni tad-data ta' l-għeluq — Talba mingħand Stat Membru ................................................... 48


**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

### Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(2008/C 250/01)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni | 29.8.2008 |
| Numru ta' referenza tal-għajnuna | N 747/07 |
| L-Istat Membru | L-Italja |
| Ir-reġjun | Veneto |
| Titlu tal-iskema tal-għajnuna u/jew l-isem tal-benefiċjarju | Aiuti alla ristrutturazione a favore delle imprese attive nel settore della produzione animale |
| Il-bażi legali | Legge regionale n. 40/2003 «Nuove norme per gli interventi in agricoltura»; deliberazione della Giunta regionale 3486 del 6.11.2007: «Nuove norme per gli interventi in agricoltura, articoli 59 e 60. Aiuti per il salvataggio e la ristrutturazione» |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Għan | Għajnuna għar-ristrutturar tal-impri¿i ¿għar fis-settur tal-produzzjoni tal-annimali |
| Forma tal-għajnuna | Sussidju fuq l-interessi |
| Baġit | EUR 2 500 000 |
| Intensità | — |
| Tul ta' żmien | 2008 |
| Setturi ekonomiċi | Is-settur agrikolu |
| L-isem u l-indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna | Giunta regionale del Veneto<br>Dorsoduro 3901<br>I-30123 Venezia |
| Informazzjoni oħra | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

## Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

## Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 250/02)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 20.8.2008 |
| Għajnuna Nru | N 21/08 |
| Stat Membru | Il-Polonja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Przedłużenie programu restrukturyzacji dla MŚP |
| Il-bażi legali | — Art. 18 i art. 20 ustawy z dnia 30 sierpnia 2002 r. o restrukturyzacji niektórych należności publicznoprawnych od przedsiębiorców (Dz.U. nr 155, poz. 1287 ze zm.) oraz rozporządzenie Rady Ministrów z dnia 5 września 2006 r. w sprawie szczegółowych warunków udzielania małym i średnim przedsiębiorcom pomocy publicznej na restrukturyzację niektórych należności publicznoprawnych (Dz.U. nr 169, poz. 1202).<br>— Art. 67a i art. 67 b § 1 pkt 3 lit. i ustawy z dnia 29 sierpnia 1997 r. — Ordynacja podatkowa (Dz.U. z 2005 r. nr 8, poz. 60 ze zm.) — oraz rozporządzenie Rady Ministrów z dnia 11 września 2007 r. w sprawie szczegółowych warunków udzielania niektórych ulg w spłacie zobowiązań podatkowych stanowiących pomoc publiczną na restrukturyzację (Dz.U. nr 179, poz. 1266) |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Ir-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Vantaġġ fiskali, Allowance fiskali, Tnaqqis tal-bażi tat-taxxa, Tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, Posponiment ta' dejn, Tħassir ta' dejn |
| L-Estimi | Baġit annwali: EUR 125 miljun |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | Sad-9.10.2009 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Naczelnicy urzędów skarbowych i dyrektorzy izb skarbowyc<br>Naczelnicy urzędów celnych i dyrektorzy izb celnych<br>Prezes Zakładu Ubezpieczeń Społecznych<br>Prezes Państwowego Funduszu Rehabilitacji Osób Niepełnosprawnych<br>Minister Środowiska<br>Wójt, burmistrz (prezydent miasta), starosta i marszałek województwa |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 17.6.2008 |
| Għajnuna Nru | N 209/08 |
| Stat Membru | L-Olanda |
| Reġjun | Noord-Brabant |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Oosterhout |
| Il-bażi legali | Samenwerkingsovereenkomst tussen Gemeente Oosterhout en Grondexploitatie-maatschappij Eiland Zwaaikom C.V. |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna individwali |
| L-għan | Għajnuna relatata ma' kuntratti, Il-ħarsien ta' l-ambjent, Żvilupp reġjonali |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Għotja diretta |
| L-Estimi | Baġit annwali: EUR 3,7 miljun<br>Baġit globali: EUR 3,7 miljun |
| L-intensità | Miżura li mhix għajnuna |
| It-tul ta' żmien | 1.6.2008- |
| Setturi ekonomiċi | Il-kostruzzjoni |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Gemeente Oosterhout<br>Postbus 10150<br>4900 GB Oosterhout<br>Nederland |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 16.7.2008 |
| Għajnuna Nru | N 251/08 |
| Stat Membru | L-Awstrija |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Änderung der Beihilferegelung „Unternehmenserhaltende Maßnahmen" für KMU in Kärnten |
| Il-bażi legali | Kärntner Wirtschaftsförderungsgesetz (K-WFG)<br>Allgemeine Geschäftsbedingungen (AGB)<br>Richtlinie Unternehmenserhaltende Maßnahmen |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Is-salvataġġ ta' impriżi f'diffikultà, Ir-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Għotja diretta, Self b'rata ta' imgħax baxxa |

| | |
|---|---|
| L-Estimi | Baġit annwali: EUR 1,9 miljun<br>Baġit globali: EUR 5,22 miljun |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | Sad-9.10.2009 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Kärntner Wirtschaftsförderungs Fonds |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 10.7.2008 |
| Għajnuna Nru | N 265/08 |
| Stat Membru | Ir-Repubblika Ċeka |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Režim investiční podpory pro snížení emisí NOx a prachových částic z nespalovacích zařízení |
| Il-bażi legali | Zákon č. 86/2002 Sb., o ochraně ovzduší a o změně některých dalších zákonů ve znění pozdějších předpisů.<br>Vyhláška Ministerstva životního prostředí č. 356/2002 Sb., kterou se stanoví seznam znečišťujících látek, obecné emisní limity, způsob předávání zpráv a informací, zjišťování množství vypouštěných znečišťujících látek, tmavosti kouře, přípustné míry obtěžování zápachem a intenzity pachů, podmínky autorizace osob, požadavky na vedení provozní evidence zdrojů znečišťování ovzduší a podmínky jejich uplatňování, ve znění vyhlášky č. 363/2006 Sb., a vyhlášky č. 570/2006 Sb.<br>Nařízení vlády č. 615/2006 Sb., o stanovení emisních limitů a dalších podmínek provozování ostatních stacionárních zdrojů znečišťování ovzduší.<br>Zákon č. 76/2002 Sb., o integrované prevenci.<br>Nařízení vlády č. 417/2003 Sb., kterým se mění nařízení vlády č. 351/2002 Sb., kterým se stanoví závazné emisní stropy pro některé látky znečišťující ovzduší a způsob přípravy a provádění emisních inventur a emisních projekcí.<br>Zákon č. 388/1991 Sb., o Státním fondu životního prostředí České republiky.<br>Programový dokument OP ŽP, 15. listopadu 2006 projednán a schválen vládou ČR. 7. března 2007 byl odeslán a přijat Evropskou komisí k formálnímu hodnocení.<br>Implementační dokument OP ŽP, ze dne 28. června 2007.<br>Směrnice MŽP č. 07/2007 ze dne 29. června 2007 pro předkládání žádostí a o poskytování finančních prostředků pro projekty z Operačního programu Životní prostředí včetně spolufinancování ze Státního fondu životního prostředí České republiky a státního rozpočtu České republiky – kapitoly 315 (životní prostředí) |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Il-ħarsien ta' l-ambjent |

| | |
|---|---|
| Il-forma ta' l-għajnuna | Għotja diretta |
| L-Estimi | Baġit annwali: CZK 83,65 miljun |
| L-intensità | 50 %, 60 %, 70 % |
| It-tul ta' żmien | Sal-31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministerstvo životního prostředí České republiky<br>Vršovická 65<br>CZ-101 00 Praha 10 |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

**Ir-rata ta' l-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament** ([1]):

**4,65 % fl-1 ta' Ottubru 2008**

**Rata tal-kambju ta' l-euro** ([2])

**L-1 ta' Ottubru 2008**

(2008/C 250/03)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,4081 | TRY | Lira Turka | 1,792 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 149,55 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,7658 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4604 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4912 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,7919 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,9381 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,7268 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,0839 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5818 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,0196 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 156,68 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 680,57 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,26 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 11,6408 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,6434 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,513 | HRK | Kuna Kroata | 7,1123 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 13 370,85 |
| HUF | Forint Ungeriż | 241,65 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,8474 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 66,67 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7091 | RUB | Rouble Russu | 36,1395 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,3819 | THB | Baht Tajlandiż | 47,854 |
| RON | Leu Rumen | 3,7364 | BRL | Real Brażiljan | 2,6829 |
| SKK | Krona Slovakka | 30,304 | MXN | Peso Messikan | 15,3976 |

([1]) Rata applikata għall-operazzjoni l-iktar reċenti mwettqa qabel il-jum indikat. Fil-każ ta' sejħa għall-offerti b'rata varjabbli, ir-rata ta' l-interessi hija r-rata marġinali.
([2]) *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Informazzjoni importanti għall-organiżmi tal-pensjoni attivi fil-qasam tat-tfaddil għall-pensjoni ("it-tielet pilastru")**

(2008/C 250/04)

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-organiżmi kollha, pubbliċi u privati, li joffru servizzi ta' pensjoni supplementari fuq il-bażi ta' kontributi volontarji, għall-opportunità li toffri f'dan ir-rigward l-emenda li saret lill-Artikolu 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej bl-adozzjoni mill-Kunsill, fit-22 ta' Marzu 2004, tar-Regolament (KE,Euratom) Nru 723/2004 (ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1).

Filwaqt li, qabel ma saret din l-emenda, l-aġenti li kienu jitilqu istituzzjoni Komunitarja mingħajr ma jkunu akkwistaw id-dritt ta' pensjoni tal-irtirar setgħu jitħallsu, permezz ta' "benefiċċju tat-tluq", id-drittijiet tal-pensjoni li jkunu kisbu matul is-servizz tagħhom fil-Komunitajiet, id-dispożizzjonijiet il-ġodda jobbligawhom, l-aktar frekwentement, jitolbu t-trasferiment tad-drittijiet tagħhom lejn is-sistema l-ġdida li fiha jiġu affiljati jew assigurazzjoni privata jew saħansitra fond tal-pensjoni.

Fl-istess żmien, saru emendi oħra lir-Regolamenti tal-Persunal mir-Regolament imsemmi, fosthom, il-ħolqien ta' kategorija ġdida ta' aġenti li mhumiex uffiċjali, l-*aġenti kuntrattwali*.

B'riżultat ta' dawn iż-żewġ emendi flimkien mal-fatt li t-tul taż-żmien tas-servizz, bħala aġent li mhuwiex uffiċjal, huwa fil-prinċipju limitat, diġà hemm numru ġmielu ta' ex aġenti li qegħdin ifittxu organiżmi tal-pensjoni li jistgħu jilqgħu u jiġġestixxu tul iż-żmien id-drittijiet tal-pensjoni miksuba matul is-servizz tagħhom fil-Komunitajiet.

Minkejja li, bis-saħħa tal-Artikolu 11(1) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, dawn l-ex aġenti għandhom il-possibbiltà li jittrasferixxu l-imsemmija drittijiet lejn is-sistema(i) tal-pensjoni li fiha/fihom huma affiljati minħabba l-attivitajiet professjonali l-ġodda li jibdew fi tmiem is-servizz tagħhom mal-Komunitajiet, xi drabi mhuwiex faċli għalihom li jagħmlu dan. Parallelment, il-persuni kkonċernati jiltaqgħu ma' diffikultajiet kbar biex isibu organiżmi tal-pensjoni privati li jiggarantixxu r-rispett tal-erba' kundizzjonijiet (i sa iv) elenkati fl-Artikolu 12(1)(b) tal-Anness VIII tal-Istatut. Dawn il-kundizzjonijiet huma dawn li ġejjin:

(i) *li l-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tgawdi minn rimbors tas-somma kapitali;*

(ii) *li l-persuna kkonċernata tirċievi dħul mensili l-aktar kmieni mill-età ta' 60 sena u l-aktar tard mill-età ta' 65 sena;*

(iii) *li l-aventi kawża tagħha jibbenefikaw mill-benefiċċji ta' pensjoni mogħtija wara l-mewt jew il-pensjoni tar-romol;*

(iv) *li t-trasferiment għal kumpannija oħra tal-assigurazzjoni jew għal fond ta' pensjoni ieħor ikun biss awtorizzat taħt il-kundizzjonijiet deskritti hawn fuq fil-punti (i) sa (iii).*

Waħda mir-raġunijiet li tista' tispjega d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-ex aġenti tirriżulta probabbilment min-nuqqas ta' għarfien tal-organiżmi tal-pensjoni dwar l-eżistenza u l-implikazzjonijiet potenzjali ta' din id-dispożizzjoni partikolari tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li peress li l-imsemmija Regolamenti, kif ġie mfakkar qabel, huma Regolament tal-Kunsill, dawn japplikaw direttament fl-Istati Membri kollha mingħajr ma hija meħtieġa leġiżlazzjoni nazzjonali rigward l-applikazzjoni tagħhom.

Sabiex tiffaċilita t-tfittxija tal-ex aġenti għal organiżmu destinatarju tad-drittijiet għal pensjoni miksuba matul is-servizz tagħhom fil-Komunitajiet, il-Kummissjoni tixtieq tħejji lista tal-organiżmi tal-pensjoni interessati li jipproponu lil dawn il-persuni kuntratti ta' tfaddil għall-pensjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Bħala informazzjoni, fl-1 ta' Settembru 2008, in-numru ta' fajls dwar it-trasferiment ta' drittijiet tal-pensjoni li kienu qegħdin jistennew għal organiżmu tal-pensjoni destinatarju, li ġew identifikati mis-servizzi tal-Kummissjoni kien ta' aktar minn 1 500. Meta kkalkulat fuq il-bażi tal-fajls ikkonċernati, l-ammont medju li għandu jiġi ttrasferit huwa ta' madwar EUR 18 000. Barra minn dan, jekk jittieħdu flimkien l-istituzzjonijiet Komunitarji kollha, in-numru ta' aġenti li jħallu ta' kull sena s-servizz tal-Komunitajiet u li jkollhom jittrasferixxu d-drittijiet tal-pensjoni li jkunu kisbu matul l-imsemmi servizz hu ta' madwar 900.

L-organiżmi tal-pensjoni li huma interessati li jidhru fuq il-lista, li se titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-ex aġenti tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom jissottomettu fajl lill-Kummissjoni Ewropea. Il-fajl għandu jinkludi:

— dikjarazzjoni uffiċjali li tiċċertifika li l-organiżmu tal-pensjoni jieħu l-impenn, minn naħa, li jirrispetta l-erba' kundizzjonijiet (i sa iv) imposti mill-Artikolu 12(1)(b) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej għall-ammonti kollha li jirrappreżentaw drittijiet tal-pensjoni li huma ttrasferiti f'dan il-kuntest u, min-naħa l-oħra, li jiffaċilita l-eżekuzzjoni tad-dritt ta' kontroll tal-awtoritajiet Komunitarji kompetenti f'dan ir-rigward,

— kopja tal-awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtorità nazzjonali kompetenti fil-qasam tas-sorveljanza finanzjarja li taħtha jaqa' l-organiżmu tal-pensjoni,

— kopja tal-kuntratt standard użat għat-tħejjija tal-kuntratti individwali destinati speċifikament għall-ġestjoni fit-tul tal-ammonti ttrasferiti skont l-Artikolu 12(1)(b) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej,

— deskrizzjoni ċara tal-kundizzjonijiet possibbli li japplikaw fir-residenza tal-aġent preċedenti (possibbilment tal-aventi kawża/werrieta tiegħu) li jkunu validi fi żmien is-sottoskrizzjoni u/jew fi żmien it-tranżazzjonijiet ta' likwidazzjoni.

Il-fajl għandu jintbagħat fl-indirizz li ġej:

Commission européenne
PMO 4 — secteur 3
Bureau 6/43
B-1049 Bruxelles

Kull talba li jista' jkun hemm għal informazzjoni supplimentari għandha tintbagħat fl-istess indirizz.

*Anness*: kopja tal-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej.

*Anness*

**Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej**

*Artikolu 11*

1. Uffiċjal li jitlaq mis-servizz tal-Komunitajiet biex:

— jidħol fis-servizz ta’ amministrazzjoni tal-gvern jew organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali li kkonkludiet ftehim mal-Komunitajiet,

— biex isegwi attività f’kapaċità ta’ impjegat jew għal rasu, li bis-saħħa tagħha jakkwista d-drittijiet għal pensjoni taħt skema li l-korpi amministrattivi tagħha kkonkludew ftehim mal-Komunitajiet,

għandu jkun intitolat li jkollu l-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar aġġornati sad-data attwali tat-trasferiment tiegħu fil-Komunitajiet ittrasferiti għal ġol-fond tal-pensjoni ta’ dik l-organizzazzjoni jew għal ġol-fond tal-pensjoni li fiha jakkwista d-drittijiet għal pensjoni tal-irtirar bis-saħħa tal-attività segwita f’kapaċità ta’ impjegat jew ta’ għal rasu.

2. Uffiċjal li jidħol fis-servizz tal-Komunitajiet wara:

— li jitlaq mis-servizz ta’ amministrazzjoni tal-gvern jew ta’ organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali,

jew

— li jsegwi attività f’kapaċità ta’ impjegat jew ta’ għal rasu,

għandu jkun intitolat, wara li jkun stabbilit iżda qabel ma jsir eliġibbli għall-pagament ta’ pensjoni tal-irtirar fis-sens tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, li [j]ħallas lill-Komunitajiet il-valur kapitali, aġġornat sad-data tat-trasferimenti attwali, tad-drittijiet għall-pensjoni akkwistati bis-saħħa tat-tali servizzi jew attivitajiet.

Fit-tali każ l-istituzzjoni li l-uffiċjal iservi fiha, wara li tikkunsidra s-salarju bażiku tal-uffiċjal, l-età, u r-rata tal-kambju fid-data tal-applikazzjoni tat-trasferiment, għandha tistabbilixxi permezz tad-disposizzjonijiet ġenerali tal-implimentazzjoni n-numru ta’ snin tas-servizz pensjonabbli li bih huwa jkun ikkreditat taħt l-iskema tal-pensjoni tal-Komunità dwar il-perjodu ta’ qabel tas-servizz, fuq il-bażi tal-kapital ittrasferit, wara li jitnaqqas ammont li jirrappreżenta l-apprezzament tal-kapital bejn id-data tal-applikazzjoni għat-trasferiment u d-data attwali tat-trasferiment. L-uffiċjali jistgħu jagħmlu użu minn dan l-arranġament darba biss għal kull Stat Membru u fond tal-pensjoni kkonċernati

3. Il-paragrafu 2 għandu wkoll japplika għal uffiċjal li jerġa jkun stabbilit wara perjodu ta’ sekondar taħt it-tieni inċiż tal-Artikolu 37(1)(b) tar-Regolamenti tal-Persunal u għal uffiċjal li jerġa’ jkun stabbilit wara li jiskadi perjodu ta’ leave fuq raġunijiet personali taħt l-Artikolu 40 tar-Regolamenti tal-Persunal.

*Artikolu 12*

1. Uffiċjal li għandu anqas minn 63 sena, li s-servizz tiegħu jintemm b’mod ieħor minbarra minħabba mewt jew invalidità u li mhuwiex intitolat għal pensjoni immedjata jew posposta tal-irtirar, għandu jkun intitolat hekk kif jitlaq mis-servizz:

(a) fejn ħadem anqas minn servizz ta’ sena waħda u m’għamilx użu mill-arranġament imniżżel fl-Artikolu 11(2), għal pagament ta’ għotja tal-firda daqs tliet darbiet l-ammont miżmum mis-salarju bażiku tiegħu dwar il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tiegħu, wara t-tnaqqis ta’ xi ammonti mħallsa taħt l-Artikoli 42 u 112 tal-Kondizzjonijiet tal-Impieg ta’ ħaddiema oħra;

(b) f’każijiet oħra, għall-benefiċċji pprovduti taħt l-Artikolu 11(1) jew għall-pagament tal-ekwivalenza attwarjali tat-tali benefiċċi lil kumpannija privata ta’ lassigurazzjoni, jew il-fond tal-pensjoni tal-għażla tagħhom, bil-kondizzjoni li t-tali kumpannija jew fond tiggarantixxi li:

(i) il-kapital ma jitħallasx lura;

(ii) introjtu fix-xahar jitħallas mill-età ta’ 60 sena l-aktar kmieni, u l-età ta’ 65 sena l-aktar tard;

(iii) disposizzjonijiet huma inklużi għall-pensjonijiet tar-riverżjoni jew tal-għajxien;

(iv) trasferiment għal kumpannija oħra tal-assigurazzjoni jew għal fond ieħor ikun awtorizzat biss jekk it-tali fond iħares il-kondizzjonijiet imniżżla fil-punti (i), (ii), u (iii).

2. B’mod ta’ deroga mill-paragrafu 1 (b), l-uffiċjali ta’ taħt it-63 sena li, minn meta bdew id-dmirijiet tagħhom, sabiex ikunu stabbiliti jew jinżammu d-drittijiet għall-pensjoni, ħallsu fi skema nazzjonali tal-pensjoni, skema privata tal-assigurazzjoni, jew fond tal-pensjoni tal-għażla tagħhom, li jħarsu l-ħtiġijiet ippreżentati fil-paragrafu 1, u li s-servizz tagħhom jintemm minħabba raġunijiet minbarra mewt jew invalidità, mingħajr ma jikkwalifikaw għal pensjoni immedjata jew posposta tal-irtirar, għandhom ikunu intitolati, malli jitilqu mis-servizz, għal għotja tal-firda daqs il-valur attwarjali tad-drittijiet tagħhom għal pensjoni akkwistati matul is-servizz fl-istituzzjonijiet. F’dawn il-każijiet, il-pagamenti li saru sabiex ikunu stabbiliti jew jinżammu d-drittijiet tagħhom għal pensjoni taħt skema nazzjonali tal-pensjoni, fl-applikazzjoni tal-Artikoli 42 jew 112 tal-Kondizzjonijiet tal-Impieg ta’ ħaddiema oħra, għandhom jitnaqqsu mill-għotja tal-firda.

3. Fejn is-servizz ta’ uffiċjal jintemm billi jitneħħa mill-posizzjoni tiegħu, l-għotja tal-firda li għandha titħallas jew, skont xi jkun il-każ, l-ekwivalenza attwarjali li għandha tkun ittrasferita, għandha tkun stabbilita b’riferenza għad-deċiżjoni li ttieħdet skont l-Artikolu 9(1)(h) tal-Anness IX.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat lil impriżi żgħar u ta' daqs medju

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 250/05)

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XS 136/07 |
| Stat Membru | L-Olanda |
| Reġjun | — |
| Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali | Regeling LNV-subsidies (onderdeel: Beroepsopleiding en voorlichting voor agro-MKB ondernemingen (niet zijnde primaire landbouwondernemingen) en bosbouwondernemingen, onderdeel demonstratieprojecten) |
| Bażi legali | — Regeling LNV-subsidies: artikel 1:2, artikel 1:3, artikel 1:20, artikel 2:14; artikel 2:16 tot en met 2:20;<br>— Openstellingsbesluit LNV-subsidies |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-Estimi | Baġit annwali: EUR 11,32 miljun |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | Skond l-Artikoli 4(2)-(6) u 5 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.4.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 30.6.2008 |
| Objettiv ta' l-għajnuna | Impriżi ta' daqs żgħir u medju |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għall-għajnuna għall-intrapriżi żgħar jew medji |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Ministerie van Landbouw Natuur en Voedselkwaliteit<br>Postbus 20401<br>2500 EK Den Haag<br>Nederland |

# INFORMAZZJONI DWAR L-ISPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

# AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

**Komunikazzjoni mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 4(1)(a) tal-Att imsemmi f'punt 64(a) fl-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 dwar aċċess għat-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità għal rotot tal-ajru intra-Komunitarji)**

**Impożizzjoni ta' obbligi ġodda ta' servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru reġjonali skedati fin-Norveġja**

(2008/C 250/06)

## 1. INTRODUZZJONI

Skont l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992, dwar l-aċċess ta' trasportaturi tal-ajru tal-Komunità għar-rotot tal-ajru intra-Komunitarji, in-Norveġja ddeċidiet li timponi obbligi ta' servizz pubbliku sa mill-1 ta' April 2009 fuq is-servizzi tal-ajru regolari fuq ir-rotot li ġejjin:

1. Lakselv-Tromsø v.v.
2. Andenes-Bodø v.v., Andenes-Tromsø v.v.
3. Svolvær-Bodø v.v.
4. Leknes-Bodø v.v.
5. Røst-Bodø v.v.
6. Narvik (Framnes)-Bodø v.v.
7. Brønnøysund-Bodø v.v., Brønnøysund-Trondheim v.v.
8. Sandnessjøen-Bodø v.v., Sandnessjøen-Trondheim v.v.
9. Mo i Rana-Bodø v.v., Mo i Rana-Trondheim v.v.
10. Mosjøen-Bodø v.v., Mosjøen-Trondheim v.v.
11. Namsos-Trondheim v.v., Rørvik-Trondheim v.v.
12. Florø-Oslo v.v., Florø-Bergen v.v.
13. Førde-Oslo v.v., Førde-Bergen v.v.
14. Sogndal-Oslo v.v., Sogndal-Bergen v.v.
15. Sandane-Oslo v.v., Sandane-Bergen v.v.
16. Ørsta-Volda-Oslo v.v., Ørsta-Volda-Bergen v.v.
17. Fagernes-Oslo v.v.
18. Røros-Oslo v.v.

## 2. L-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin japplikaw fuq ir-rotot individwali

### 2.1. Lakselv-Tromsø v.v.

#### 2.1.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 690 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 135 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas tnejn mis-servizzi ta' kuljum meħtieġa mit-Tnejn sal-Ġimgħa u mill-inqas tnejn mis-servizzi meħtieġa s-Sibt u l-Ħadd flimkien għandhom ikunu diretti. Il-bqija għandhom ikunu permezz ta' servizzi b'mhux aktar minn waqfa waħda intermedjarja.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Is-servizzi meħtieġa għandhom ikunu skedati biex ikun hemm koinċidenza mas-servizzi tal-ajru Tromsø-Oslo v.v.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla fi Tromsø m'għandhiex tkun iktar tard mit-8.30 u l-aħħar tluq minn Tromsø mhux qabel is-19.30.

— L-ewwel tluq minn Tromsø m'għandux ikun iktar tard mill-11.30 u l-aħħar tluq minn Lakselv mhux qabel il-17.00.

2.1.2. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru b'kabina bi pressjoni kostanti irreġistrat għal mill-anqas 30 passiġġier.

## 2.2. **Andenes-Tromsø v.v., Andenes-Bodø v.v.**

2.2.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— *Andenes-Bodø v.v., Andenes-Tromsø v.v. flimkien:*

  — Minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

  — Id-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru għandha tiġi meqjusa fid-distribuzzjoni tan-numru ta' servizzi bir-ritorn ta' kuljum bejn Andenes-Bodø v.v. u Andenes-Tromsø v.v.

— *Andenes-Bodø v.v.:*

  — Minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— *Andenes-Tromsø v.v.:*

  — Minimu ta' servizz bir-ritorn wieħed.

Postijiet:

— Għal Andenes-Bodø v.v. u Andenes-Tromsø v.v. flimkien, għandu jkun hemm fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 615 post offrut mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 160 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Rotot:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas tlieta mill-erba' servizzi ta' kuljum meħtieġa mit-Tnejn sal-Ġimgħa u mill-inqas erba' mill-ħames servizzi meħtieġa s-Sibt u l-Ħadd flimkien għandhom ikunu diretti. Il-bqija għandhom ikunu permezz ta' servizzi b'mhux aktar minn waqfa waħda intermedjarja.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

— *Andenes-Bodø v.v., Andenes-Tromsø v.v. flimkien:*

Mill-inqas tliet servizzi mit-Tnejn sal-Ġimgħa u mill-inqas erba' servizzi s-Sibt u l-Ħadd flimkien għandhom ikunu skedati biex jikkoinċidu ma' servizzi tal-ajru għal/minn Oslo.

— *Andenes-Bodø v.v.:*

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Bodø m'għandhiex tkun iktar tard mis-7.30 u l-aħħar tluq minn Bodø mhux qabel it-20.00.

— *Andenes-Tromsø v.v.:*

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla fi Tromsø m'għandhiex tkun iktar tard mill-10.00 u l-aħħar tluq minn Tromsø mhux qabel l-16.30.

2.2.2. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru b'kabina bi pressjoni kostanti irreġistrat għal mill-anqas 30 passiġġier.

### 2.3. **Svolvær-Bodø v.v.**

2.3.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' sitt servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' seba' servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 1 050 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 225 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas ħamsa mis-servizzi ta' kuljum meħtieġa mit-Tnejn sal-Ġimgħa u mill-inqas ħamsa mis-servizzi meħtieġa s-Sibt u l-Ħadd flimkien għandhom ikunu diretti. Il-bqija għandhom ikunu permezz ta' servizzi b'mhux aktar minn waqfa waħda intermedjarja.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Mill-inqas ħames servizzi mit-Tnejn sal-Ġimgħa u mill-inqas ħames servizzi s-Sibt u l-Ħadd flimkien għandhom ikunu skedati biex jikkoinċidu ma' servizzi tal-ajru bejn Bodø-Oslo v.v.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Bodø m'għandhiex tkun iktar tard mis-7.30 u l-aħħar tluq minn Bodø mhux qabel it-20.00.

2.3.2. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru b'kabina bi pressjoni kostanti irreġistrat għal mill-anqas 30 passiġġier.

## 2.4. **Leknes-Bodø v.v.**

2.4.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' sitt servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' seba' servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 1 250 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 265 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas ħamsa mis-servizzi ta' kuljum meħtieġa mit-Tnejn sal-Ġimgħa u mill-inqas ħamsa mis-servizzi meħtieġa s-Sibt u l-Ħadd flimkien għandhom ikunu diretti. Il-bqija għandhom ikunu permezz ta' servizzi b'mhux aktar minn waqfa waħda intermedjarja.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Mill-inqas ħames servizzi mit-Tnejn sal-Ġimgħa u mill-inqas ħames servizzi s-Sibt u l-Ħadd flimkien għandhom ikunu skedati biex jikkoinċidu ma' servizzi tal-ajru bejn Bodø-Oslo v.v.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Bodø m'għandhiex tkun iktar tard mis-7.30 u l-aħħar tluq minn Bodø mhux qabel it-20.00.

2.4.2. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru b'kabina bi pressjoni kostanti irreġistrat għal mill-anqas 30 passiġġier.

## 2.5. **Røst-Bodø v.v.**

2.5.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 150 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 30 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas waħda mit-titjiriet meħtieġa mit-Tnejn sal-Ġimgħa għandha tkun diretta. Is-Sibt u l-Ħadd flimkien, mill-inqas nofs it-titjiriet meħtieġa għandhom ikunu non-stop.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Mill-inqas servizz wieħed kuljum għandu jkun skedat biex jikkoinċidi ma' servizzi tal-ajru Bodø-Oslo v.v.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Bodø m'għandhiex tkun iktar tard mil-10.00 u l-aħħar tluq minn Bodø mhux qabel il-17.00.

2.5.2. *Kategorija ta' ajruplanAircraft category*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru rreġistrat għal mill-anqas 15-il passiġġier.

## 2.6. **Narvik (Framnes)-Bodø v.v.**

2.6.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar*

Ir-rekwiżiti japplikaw minn Jannar sa Ġunju u minn Awwissu sa Diċembru. F'Lulju, japplikaw l-obbligi fir-rigward tal-postijiet biss, b'numru minimu ta' postijiet mhux inqas minn 80 % tal-livelli minimi speċifikati hawn taħt.

Matul is-sena kollha l-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 450 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 90 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Is-servizzi kkonċernati għandhom ikunu diretti.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Bodø m'għandhiex tkun iktar tard mid-9.30 u l-aħħar tluq minn Bodø mhux qabel is-18.00.

2.6.2. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru rreġistrat għal mill-anqas 15-il passiġġier.

## 2.7. **Brønnøysund-Bodø v.v., Brønnøysund-Trondheim v.v.**

2.7.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Brønnøysund-Bodø v.v.*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 350 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 90 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— It-titjiriet meħtieġa għandhom ikunu permezz ta' servizzi ta' mhux iktar minn waqfa intermedjarja.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Bodø m'għandhiex tkun iktar tard mill-10.00 u l-aħħar tluq minn Bodø mhux qabel is-18.30.

— L-ewwel tluq minn Bodø m'għandux ikun iktar tard mit-8.30 u l-aħħar tluq minn Brønnøysund mhux qabel is-19.00.

2.7.2. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Brønnøysund-Trondheim v.v.*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 700 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 140 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— It-titjiriet meħtieġa għandhom ikunu diretti.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Is-servizzi meħtieġa għandhom ikunu skedati biex ikun hemm koinċidenza mas-servizzi tal-ajru Trondheim-Oslo v.v.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla fi Trondheim m'għandhiex tkun iktar tard mit-8.00 u l-aħħar tluq minn Trondheim mhux qabel it-20.30.

— L-ewwel tluq minn Trondheim m'għandux ikun iktar tard mid-9.30 u l-aħħar tluq minn Brønnøysund mhux qabel is-18.00.

2.7.3. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru b'kabina bi pressjoni kostanti irreġistrat għal mill-anqas 30 passiġġier.

## 2.8. **Sandnessjøen-Bodø v.v., Sandnessjøen-Trondheim v.v.**

2.8.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Sandnessjøen-Bodø v.v.*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 350 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 90 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Is-servizzi kkonċernati għandhom ikunu diretti.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Bodø m'għandhiex tkun iktar tard mill-10.00 u l-aħħar tluq minn Bodø mhux qabel is-18.30.

— L-ewwel tluq minn Bodø m'għandux ikun iktar tard mit-8.30 u l-aħħar tluq minn Sandnessjøen mhux qabel is-19.00.

2.8.2. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Sandnessjøen-Trondheim v.v.*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 450 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 110 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— It-titjiriet meħtieġa għandhom ikunu permezz ta' servizzi b'mhux aktar minn waqfa waħda intermedjarja.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Is-servizzi meħtieġa għandhom ikunu skedati biex ikun hemm koinċidenza mas-servizzi tal-ajru Trondheim-Oslo v.v.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla fi Trondheim m'għandhiex tkun iktar tard mit-8.00 u l-aħħar tluq minn Trondheim mhux qabel it-20.30.

— L-ewwel tluq minn Trondheim m'għandux ikun iktar tard mid-9.30 u l-aħħar tluq minn Sandnessjøen mhux qabel is-18.00.

2.8.3. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru b'kabina bi pressjoni kostanti irreġistrat għal mill-anqas 30 passiġġier.

## 2.9. **Mo i Rana-Bodø v.v., Mo i Rana-Trondheim v.v.**

2.9.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Mo i Rana-Bodø v.v.*

Ir-rekwiżiti japplikaw minn Jannar sa Ġunju u minn Awwissu sa Diċembru. F'Lulju, japplikaw l-obbligi fir-rigward tal-postijiet biss, b'numru minimu ta' postijiet mhux inqas minn 80 % tal-livelli minimi speċifikati hawn taħt.

Matul is-sena kollha l-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' ħames servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 525 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 125 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Is-servizzi kkonċernati għandhom ikunu diretti.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Bodø m'għandhiex tkun iktar tard mill-10.00 u l-aħħar tluq minn Bodø mhux qabel is-18.30.

— L-ewwel tluq minn Bodø m'għandux ikun iktar tard mit-8.30 u l-aħħar tluq minn Mo i Rana mhux qabel is-19.00.

2.9.2. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Mo i Rana-Trondheim v.v.*

Ir-rekwiżiti japplikaw minn Jannar sa Ġunju u minn Awwissu sa Diċembru. F'Lulju, japplikaw l-obbligi fir-rigward tal-postijiet biss, b'numru minimu ta' postijiet mhux inqas minn 80 % tal-livelli minimi speċifikati hawn taħt.

Matul is-sena kollha l-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 650 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 160 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— It-titjiriet meħtieġa għandhom ikunu permezz ta' servizzi b'mhux aktar minn waqfa waħda intermedjarja.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Is-servizzi meħtieġa għandhom ikunu skedati biex ikun hemm koinċidenza mas-servizzi tal-ajru Trondheim-Oslo v.v.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla fi Trondheim m'għandhiex tkun iktar tard mit-8.00 u l-aħħar tluq minn Trondheim mhux qabel it-20.30.

— L-ewwel tluq minn Trondheim m'għandux ikun iktar tard mid-9.30 u l-aħħar tluq minn Mo i Rana mhux qabel is-18.00.

2.9.3. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru b'kabina bi pressjoni kostanti irreġistrat għal mill-anqas 30 passiġġier.

## 2.10. **Mosjøen-Bodø v.v., Mosjøen-Trondheim v.v.**

2.10.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Mosjøen-Bodø v.v.*

Ir-rekwiżiti japplikaw minn Jannar sa Ġunju u minn Awwissu sa Diċembru. F'Lulju, japplikaw l-obbligi fir-rigward tal-postijiet biss, b'numru minimu ta' postijiet mhux inqas minn 80 % tal-livelli minimi speċifikati hawn taħt.

Matul is-sena kollha l-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 250 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 60 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— It-titjiriet meħtieġa għandhom ikunu permezz ta' servizzi b'mhux aktar minn waqfa waħda intermedjarja.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Bodø m'għandhiex tkun iktar tard mill-10.00 u l-aħħar tluq minn Bodø mhux qabel is-18.30.

— L-ewwel tluq minn Bodø m'għandux ikun iktar tard mit-8.30 u l-aħħar tluq minn Mosjøen mhux qabel is-19.00.

2.10.2. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Mosjøen-Trondheim v.v.*

Ir-rekwiżiti japplikaw minn Jannar sa Ġunju u minn Awwissu sa Diċembru. F'Lulju, japplikaw l-obbligi fir-rigward tal-postijiet biss, b'numru minimu ta' postijiet mhux inqas minn 80 % tal-livelli minimi speċifikati hawn taħt.

Matul is-sena kollha l-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 520 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 110 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Is-servizzi kkonċernati għandhom ikunu diretti.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Is-servizzi meħtieġa għandhom ikunu skedati biex ikun hemm koinċidenza mas-servizzi tal-ajru Trondheim-Oslo v.v.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla fi Trondheim m'għandhiex tkun iktar tard mit-8.00 u l-aħħar tluq minn Trondheim mhux qabel it-20.30.

— L-ewwel tluq minn Trondheim m'għandux ikun iktar tard mid-9.30 u l-aħħar tluq minn Mosjøen mhux qabel is-18.00.

2.10.3. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru b'kabina bi pressjoni kostanti irreġistrat għal mill-anqas 30 passiġġier.

## 2.11. **Namsos-Trondheim v.v., Rørvik-Trondheim v.v.**

2.11.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Namsos-Trondheim v.v.*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 320 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 80 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas tnejn mis-servizzi ta' kuljum meħtieġa mit-Tnejn sal-Ġimgħa u mill-inqas tnejn mis-servizzi meħtieġa s-Sibt u l-Ħadd flimkien għandhom ikunu diretti. Il-bqija għandhom ikunu permezz ta' servizzi b'mhux aktar minn waqfa waħda intermedjarja.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Is-servizzi meħtieġa għandhom ikunu skedati biex ikun hemm koinċidenza mas-servizzi tal-ajru Trondheim-Oslo v.v.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla fi Trondheim m'għandhiex tkun iktar tard mit-8.00 u l-aħħar tluq minn Trondheim mhux qabel is-18.30.

— L-ewwel tluq minn Trondheim m'għandux ikun iktar tard mid-9.30 u l-aħħar tluq minn Namsos mhux qabel il-17.00.

2.11.2. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Rørvik-Trondheim v.v.*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 300 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 70 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas wieħed mis-servizzi ta' kuljum meħtieġa mit-Tnejn sal-Ġimgħa u mill-inqas wieħed mis-servizzi meħtieġa s-Sibt u l-Ħadd flimkien għandhom ikunu diretti. Il-bqija għandhom ikunu permezz ta' servizzi b'mhux aktar minn waqfa waħda intermedjarja.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Is-servizzi meħtieġa għandhom ikunu skedati biex ikun hemm koinċidenza mas-servizzi tal-ajru Trondheim-Oslo v.v.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla fi Trondheim m'għandhiex tkun iktar tard mit-8.00 u l-aħħar tluq minn Trondheim mhux qabel is-18.30.

— L-ewwel tluq minn Trondheim m'għandux ikun iktar tard mid-9.30 u l-aħħar tluq minn Rørvik mhux qabel il-17.00.

2.11.3. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru rreġistrat għal mill-anqas 15-il passiġġier.

## 2.12. **Florø-Oslo v.v., Florø-Bergen v.v.**

2.12.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Florø-Oslo v.v:*

Ir-rekwiżiti japplikaw minn Jannar sa Ġunju u minn Awwissu sa Diċembru. F'Lulju, japplikaw l-obbligi fir-rigward tal-postijiet biss, b'numru minimu ta' postijiet mhux inqas minn 80 % tal-livelli minimi speċifikati hawn taħt.

Matul is-sena kollha l-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' ħames servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 820 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 205 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— It-trasportatur ma jistax ibiddel in-numru ta' postijiet fuq dawn ir-rotot, ara l-klawżola ta' aġġustament ta' produzzjoni pubblikata fl-Appendiċi A ta' din in-notifika.

Rotot:

— Is-servizzi kkonċernati għandhom ikunu diretti.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Oslo m'għandhiex tkun iktar tard mid-9.00 u l-aħħar tluq minn Oslo mhux qabel id-21.00.

— L-ewwel tluq minn Oslo m'għandux ikun iktar tard mid-9.30 u l-aħħar tluq minn Florø mhux qabel is-19.30.

2.12.2. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Florø-Bergen v.v:*

Ir-rekwiżiti japplikaw minn Jannar sa Ġunju u minn Awwissu sa Diċembru. F'Lulju, japplikaw l-obbligi fir-rigward tal-postijiet biss, b'numru minimu ta' postijiet mhux inqas minn 80 % tal-livelli minimi speċifikati hawn taħt.

Matul is-sena kollha l-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' ħames servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 950 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 165 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— It-trasportatur ma jistax ibiddel in-numru ta' postijiet fuq dawn ir-rotot, ara l-klawżola ta' aġġustament ta' produzzjoni pubblikata fl-Appendiċi A ta' din in-notifika.

Rotot:

— Is-servizzi kkonċernati għandhom ikunu diretti.

Skedi tal-ħinijiet:

Ghandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Bergen m'għandhiex tkun iktar tard mid-9.30 u l-aħħar tluq minn Bergen mhux qabel it-20.00.

— L-ewwel tluq minn Bergen m'għandux ikun iktar tard mid-9.00 u l-aħħar tluq minn Florø mhux qabel is-19.00.

2.12.3. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru b'kabina bi pressjoni kostanti irreġistrat għal mill-anqas 30 passiġġier.

## 2.13. **Førde-Oslo v.v., Førde-Bergen v.v.**

2.13.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Førde-Oslo v.v.*

Ir-rekwiżiti japplikaw minn Jannar sa Ġunju u minn Awwissu sa Diċembru. F'Lulju, japplikaw l-obbligi fir-rigward tal-postijiet biss, b'numru minimu ta' postijiet mhux inqas minn 80 % tal-livelli minimi speċifikati hawn taħt.

Matul is-sena kollha l-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' ħames servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 840 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 195 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Is-servizzi kkonċernati għandhom ikunu diretti.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Oslø m'għandhiex tkun iktar tard mid-9.00 u l-aħħar tluq minn Oslø mhux qabel is-19.00.

— L-ewwel tluq minn Oslo m'għandux ikun iktar tard mid-9.30 u l-aħħar tluq minn Førde mhux qabel il-17.30.

2.13.2. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Førde-Bergen v.v.*

Ir-rekwiżiti japplikaw minn Jannar sa Ġunju u minn Awwissu sa Diċembru. F'Lulju, japplikaw l-obbligi fir-rigward tal-postijiet biss, b'numru minimu ta' postijiet mhux inqas minn 80 % tal-livelli minimi speċifikati hawn taħt.

Matul is-sena kollha l-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 180 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 35 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Mill-inqas wieħel mis-servizzi meħtieġa għandu jkun bla waqfien.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Bergen m'għandhiex tkun iktar tard mill-10.30 u l-aħħar tluq minn Bergen mhux qabel il-17.00.

— L-ewwel tluq minn Bergen m'għandux ikun iktar tard mill-11.00 u l-aħħar tluq minn Førde mhux qabel il-17.30.

2.13.3. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru b'kabina bi pressjoni kostanti irreġistrat għal mill-anqas 30 passiġġier.

## 2.14. **Sogndal-Oslo v.v., Sogndal-Bergen v.v.**

2.14.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Sogndal-Oslo v.v.*

Ir-rekwiżiti japplikaw minn Jannar sa Ġunju u minn Awwissu sa Diċembru. F'Lulju, japplikaw l-obbligi fir-rigward tal-postijiet biss, b'numru minimu ta' postijiet mhux inqas minn 80 % tal-livelli minimi speċifikati hawn taħt.

Matul is-sena kollha l-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 500 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 100 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Is-servizzi kkonċernati għandhom ikunu diretti.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel tluq minn Sogndal m'għandux ikun iktar tard mis-7.30 u l-aħħar tluq minn Oslo mhux qabel is-19.00.

— L-ewwel tluq minn Oslo m'għandux tkun iktar tard mid-9.30 u l-aħħar tluq minn Sogndal mhux qabel il-17.30.

2.14.2. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Sogndal-Bergen v.v.*

Ir-rekwiżiti japplikaw minn Jannar sa Ġunju u minn Awwissu sa Diċembru. F'Lulju, japplikaw l-obbligi fir-rigward tal-postijiet biss, b'numru minimu ta' postijiet mhux inqas minn 80 % tal-livelli minimi speċifikati hawn taħt.

Matul is-sena kollha l-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 140 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 30 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Mill-inqas wieħel mis-servizzi meħtieġa għandu jkun bla waqfien.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Bergen m'għandhiex tkun iktar tard mill-11.00 u l-aħħar tluq minn Bergen mhux qabel il-17.30.

— L-ewwel tluq minn Bergen m'għandux ikun iktar tard mill-11.30 u l-aħħar tluq minn Sogndal mhux qabel l-16.30.

2.14.3. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru b'kabina bi pressjoni kostanti irreġistrat għal mill-anqas 30 passiġġier.

## 2.15. **Sandane-Oslo v.v., Sandane-Bergen v.v.**

2.15.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Sandane-Oslo v.v.*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' tliet servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 325 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 65 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas wieħed mis-servizzi ta' kuljum meħtieġa mit-Tnejn sal-Ġimgħa u mill-inqas wieħed mis-servizzi meħtieġa s-Sibt u l-Ħadd flimkien għandhom ikunu diretti. Il-bqija jista' jkollhom mhux iktar minn waqfa intermedjarja waħda, li tista' tinvolvi bidla tal-ajruplan sakemm il-ħin ta' konnessjoni ma jkunx iktar minn 60 minuta u sakemm it-trasportatur iservi r-rotta sħiħa minn u għal Oslo.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Oslø m'għanduhiex tkun iktar tard mid-9.00 u l-aħħar tluq minn Oslø mhux qabel is-19.00.

— L-ewwel tluq minn Oslo m'għandux ikun iktar tard mid-9.30 u l-aħħar tluq minn Sandane mhux qabel il-17.30.

2.15.2. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Sandane-Bergen v.v.*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 100 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 25 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Il-bqija jista' jkollhom mhux iktar minn waqfa intermedjarja waħda, li tista' tinvolvi bidla tal-ajruplan sakemm il-ħin ta' konnessjoni ma jkunx iktar minn 60 minuta u sakemm it-trasportatur iservi r-rotta sħiħa minn u għal Oslo.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Bergen m'għandhiex tkun iktar tard mill-11.00 u l-aħħar tluq minn Bergen mhux qabel il-17.30.

— L-ewwel tluq minn Bergen m'għandux ikun iktar tard mill-11.30 u l-aħħar tluq minn Sandane mhux qabel l-16.30.

2.15.3. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru b'kabina bi pressjoni kostanti irreġistrat għal mill-anqas 30 passiġġier.

## 2.16. **Ørsta-Volda-Oslo v.v., Ørsta-Volda-Bergen v.v.**

2.16.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Ørsta-Volda-Oslo v.v.*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' erba' servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 600 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 115 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas wieħed mis-servizzi ta' kuljum meħtieġa mit-Tnejn sal-Ġimgħa u mill-inqas wieħed mis-servizzi meħtieġa s-Sibt u l-Ħadd flimkien għandhom ikunu diretti. Il-bqija jista' jkoll-hom mhux iktar minn waqfa intermedjarja waħda, li tista' tinvolvi bidla tal-ajruplan sakemm il-ħin ta' konnessjoni ma jkunx iktar minn 60 minuta u sakemm it-trasportatur iservi r-rotta sħiħa minn u għal Oslo.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Oslø m'għandhiex tkun iktar tard mid-9.00 u l-aħħar tluq minn Oslø mhux qabel is-19.00.

— L-ewwel tluq minn Oslo m'għandux ikun iktar tard mid-9.30 u l-aħħar tluq minn Ørsta-Volda mhux qabel il-17.30.

2.16.2. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar Ørsta-Volda-Bergen v.v.*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. L-obbligu ta' servizz ta' kuljum jgħodd fiż-żewġ direzzjonijiet.

Frekwenzi:

— Minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 150 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 35 post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet, is-servizzi meħtieġa għandu jkollhom mhux iktar minn waqfa intermedjarja waħda, li tista' tinvolvi bidla tal-ajruplan sakemm il-ħin ta' konnessjoni ma jkunx iktar minn 60 minuta u sakemm it-trasportatur iservi r-rotta sħiħa minn u għal Bergen.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel wasla f'Bergen m'għandhiex tkun iktar tard mill-11.00 u l-aħħar tluq minn Bergen mhux qabel il-17.30.

— L-ewwel tluq minn Bergen m'għandux ikun iktar tard mill-11.30 u l-aħħar tluq minn Ørsta-Volda mhux qabel l-16.30.

2.16.3. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru b'kabina bi pressjoni kostanti irreġistrat għal mill-anqas 30 passiġġier.

## 2.17. **Fagernes-Oslo v.v.**

2.17.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. Fiż-żewġ direzzjonijiet japplika servizz obbligatorju kuljum ħlief is-Sibt.

Frekwenzi:

— Minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' servizz wieħed bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 150 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 15-il post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Is-servizzi kkonċernati għandhom ikunu diretti.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel tluq minn Fagernes mhux wara id-09.00.

— L-aħħar tluq minn Oslo mhux qabel it-15.30.

2.17.2. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru rreġistrat għal mill-anqas 15-il passiġġier.

## 2.18. **Røros-Oslo v.v.**

2.18.1. *Frekwenza minima, għadd ta' postijiet, rotot u skedar*

Ir-rekwiżiti jgħoddu għas-sena kollha. Fiż-żewġ direzzjonijiet japplika servizz obbligatorju kuljum ħlief is-Sibt.

Frekwenzi:

— Minimu ta' żewġ servizzi bir-ritorn kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u minimu ta' servizz wieħed bir-ritorn is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

Postijiet:

— Fiż-żewġ direzzjonijiet mill-inqas 150 post għandhom ikunu offruti mit-Tnejn sal-Ġimgħa flimkien u mill-inqas 15-il post is-Sibt u l-Ħadd flimkien.

— L-għadd ta' postijiet offruti għandu jkun adattat skont ir-regoli stipulati mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-Appendiċi A ta' din il-pubblikazzjoni.

Rotot:

— Is-servizzi kkonċernati għandhom ikunu diretti.

Skedi tal-ħinijiet:

Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni d-domanda pubblika għall-ivvjaġġar bl-ajru.

Barra minn hekk, dan li ġej japplika għat-titjiriet obbligatorji mit-Tnejn sal-Ġimgħa (ħinijiet lokali):

— L-ewwel tluq minn Røros mhux qabel is-07.00.

— L-aħħar tluq minn Oslo mhux qabel it-15.30.

2.18.2. *Kategorija ta' ajruplan*

Għat-titjiriet obbligatorji għandu jintuża inġenju tal-ajru rreġistrat għal mill-anqas 15-il passiġġier.

## 3. **L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET LI ĠEJJIN JAPPLIKAW FUQ IR-ROTOT INDIVIDWALI**

### 3.1. **Kundizzjonijiet tekniċi u operattivi**

Qed tinġibed l-attenzjoni tat-trasportaturi tal-ajru lejn il-kundizzjonijiet tekniċi u operattivi li huma applikabbli fl-ajruporti. Għal iktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lil:

Luftfartstilsynet (l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili)
BP 243
N-8001 Bodø
Tel. (47-75) 58 50 00

### 3.2. **Nollijiet**

In-noll bażiku massimu kompletament flessibbli f'direzzjoni waħda (in-noll massimu) fis-sena tal-operat li tibda mill-1 ta' April 2009, m'għandux jeċċedi r-rati li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Lakselv-Tromsø | NOK 1 226 |
| 2. | Andenes-Tromsø | NOK 724 |
| | Andenes-Bodø | NOK 1 520 |
| 3. | Svolvær-Bodø | NOK 839 |
| 4. | Leknes-Bodø | NOK 839 |
| 5. | Røst-Bodø | NOK 839 |
| 6. | Narvik (Framnes)-Bodø | NOK 1 226 |
| 7. | Brønnøysund-Bodø | NOK 1 422 |
| | Brønnøysund-Trondheim | NOK 1 379 |
| 8. | Sandnessjøen-Bodø | NOK 1 220 |
| | Sandnessjøen-Trondheim | NOK 1 520 |
| 9. | Mo i Rana-Bodø | NOK 894 |
| | Mo i Rana-Trondheim | NOK 1 684 |

| | | |
|---|---|---|
| 10. | Mosjøen-Bodø | NOK 1 220 |
| | Mosjøen-Trondheim | NOK 1 520 |
| 11. | Namsos-Trondheim | NOK 943 |
| | Rørvik-Trondheim | NOK 1 199 |
| 12. | Florø-Oslo | NOK 1 722 |
| | Florø-Bergen | NOK 1 057 |
| 13. | Førde-Oslo | NOK 1 722 |
| | Førde-Bergen | NOK 1 057 |
| 14. | Sogndal-Oslo | NOK 1 487 |
| | Sogndal-Bergen | NOK 1 057 |
| 15. | Sandane-Oslo | NOK 1 722 |
| | Sandane-Bergen | NOK 1 270 |
| 16. | Ørsta-Volda-Oslo | NOK 1 722 |
| | Ørsta-Volda-Bergen | NOK 1 460 |
| 17. | Fagernes-Oslo | NOK 844 |
| 18. | Røros-Oslo | NOK 1 880 |

Għal kull sena sussegwenti ta' operat, in-nollijiet massimi għandhom jiġu aġġustati fl-1 ta' April fil-limitu tal-indiċi tal-prezzijiet tal-konsumatur għal perjodu ta' 12-il xahar li jintemm fil-15 ta' Frar tal-istess sena, kif ippubblikati minn Statistics Norway (http://www.ssb.no).

It-trasportatur għandu joffri biljetti permezz ta' mill-inqas punt ta' bejgħ wieħed li jappartjeni għat-trasportatur.

It-trasportatur tal-ajru huwa responsabbli li l-biljetti jkunu disponibbli bi prezz li ma jeċċedix in-noll massimu bil-mezzi kollha tal-bejgħ li jappartjenu għat-trasportatur tal-ajru.

In-noll massimu japplika wkoll għal biljetti offruti minn kumpaniji oħra kkontrollati mit-trasportatur. It-trasportatur tal-ajru huwa responsabbli li jara li dawn il-kumpaniji jikkonformaw man-nollijiet massimi.

In-noll massimu għandu jinkludi t-taxxi u t-tariffi kollha dovuti lill-awtoritajiet, u kull ammont ieħor miżjud mit-trasportatur tal-ajru meta dan joħroġ il-biljetti.

It-trasportatur tal-ajru għandu jkun parti mill-ftehimiet domestiċi bejn it-trasportaturi tal-ajru li jkunu fis-seħħ f'kull żmien, u għandu joffri t-tnaqqis kollu disponibbli taħt dawn il-ftehimiet.

It-trasportatur għandu joffri biljetti permezz ta' sistema ta' Riservazzjoni bil-Kompjuter (CRS).

## 4. KUNDIZZJONIJIET ULTERJURI WARA PROĊEDURA TA' OFFERTI

Wara proċedura ta' offerti, li tillimita l-aċċess għar-rotot għal trasportatur wieħed, ikunu japplikaw dawn il-kundizzjonijiet ulterjuri:

Nollijiet:

— In-nollijiet kollha għall-konnessjonijiet minn u lejn servizzi oħra tal-ajru għandhom ikunu offruti bl-istess kundizzjonijiet għat-trasportaturi kollha. Iżda dan ma jgħoddx għal nollijiet għall-konnessjonijiet minn u lejn servizzi oħra li joffri min ikun qed jixħet l-offerta, basta li n-noll ma jkunx iktar minn 40 % tan-noll bi flessibbiltà totali.

— Punti bonus minn programmi ta' vjaġġaturi frekwenti la jistgħu jiġu akkwistati u lanqas użati fuq dawn it-titjiriet.

— Skonti soċjali għandhom jingħataw skont il-linji gwida stabbiliti mill-Ministeru għat-Trasport Norveġiż ippubblikati fl-Appendiċi B ta' din in-notifika.

Kundizzjonijiet għat-trasferiment:

— Il-kundizzjonijiet kollha li jimponi t-trasportatur tal-ajru għat-trasferiment tal-passiġġieri minn u lejn rotot ta' trasportaturi oħra, fosthom il-ħinijiet tal-konnessjonijiet u ċ-check-in minn qabel tal-biljetti u l-bagalji, iridu jkunu magħmula b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni.

## 5. SOSTITUZZJONI U TNEĦĦIJA TA' OBBLIGI PREĊEDENTI TA' SERVIZZ PUBBLIKU

Dawn l-obbligi ta' servizz pubbliku huma flok dawk ippubblikati qabel fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropej* C 166 tas-7 ta' Lulju 2005 u s-Supplement ŻEE Nru 34 tas-7 ta' Lulju 2005.

## 6. INFORMAZZJONI

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn: Il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni
BP 8010
N-0030 Oslo
Tel. (47-22) 24 83 53
Fax (47-22) 24 56 09

*APPENDIĊI A*

## KLAWSOLA TAL-AĠĠUSTAMENT TAL-PRODUZZJONI

### 1. **Għan tal-klawsola tal-aġġustament tal-produzzjoni**

L-għan tal-klawsola tal-aġġustament tal-produzzjoni huwa li jiġi aċċertat li l-postijiet ipprovduti mill-operatur jiġu aġġustati għall-bidliet fid-domanda tas-suq. Kulmeta n-numru ta' passiġġieri jiżdied b'mod sinifikanti u jeċċedi l-limiti speċifikati li ġejjin għall-perċentwal tal-postijiet okkupati fi kwalunkwe żmien (il-fattur tat-tagħbija tal-passiġġieri), l-operatur *għandu* jżid in-numru ta' postijiet offruti. L-operatur *jista'* b'dan il-mod inaqqas il-postijiet disponibbli meta n-numru ta' passiġġieri jonqos b'mod sinifikanti. Ara l-ispeċifikazzjoni iktar 'l isfel fi 3.

### 2. **Perjodi għall-kejl tal-fatturi tat-tagħbija tal-passiġġieri**

Il-perjodi li matulhom il-fattur tat-tagħbija tal-passiġġieri għandu jiġi osservat u vvalutat huma mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju inklussivi u mill-1 ta' Awwissu sat-30 ta' Novembru inklussivi.

### 3. **Kundizzjonijiet għall-bdil tal-produzzjoni/postijiet disponibbli offruti**

3.1. *Kundizzjonijiet għal żidiet fil-produzzjoni*

3.1.1. Żieda fil-produzzjoni/postijiet disponibbli offruti *għandha* ssir meta l-fattur medju tat-tagħbija tal-passiġġieri għal kull rotta individwali koperta mill-obbligi ta' servizz pubbliku jkun ogħla minn 70 fil-mija. Meta l-fattur medju tat-tagħbija tal-passiġġieri fuq dawn ir-rotot jaqbeż is-70 fil-mija f'xi wieħed mill-perjodi msemmija f'2, l-operatur għandu jżid il-produzzjoni/postijiet disponibbli offruti b'mill-anqas 10 fil-mija fuq dawn ir-rotot, sa mhux iktar tard mill-istaġun tat-traffiku tal-IATA ta' wara. Il-produzzjoni/postijiet disponibbli offruti għandhom jiġu miżjuda mill-anqas biżżejjed biex il-fattur medju tat-tagħbija tal-passiġġieri ma jaqbiżx is-70 fil-mija.

3.1.2. Meta jiġu miżjuda l-produzzjoni/ postijiet disponibbli offruti skont dan ta' hawn fuq, il-produzzjoni l-ġdida tista' ssir bl-użu ta' mezz tal-ajru li fih anqas postijiet milli speċifikat fl-offerta oriġinali, jekk l-operatur jippreferi.

3.2. *Kundizzjonijiet għal tnaqqis fil-produzzjoni*

3.2.1. Tnaqqis fil-produzzjoni/postijiet disponibbli offruti *jista'* jsir meta l-fattur medju tat-tagħbija tal-passiġġieri għal kull rotta individwali koperta mill-obbligi ta' servizz pubbliku jkun iktar baxx minn 35 fil-mija. Meta l-fattur medju tat-tagħbija tal-passiġġieri fuq dawn ir-rotot ikun iktar baxx minn 35 fil-mija f'xi wieħed mill-perjodi msemmija f'2, l-operatur *jista'* jżid il-produzzjoni/postijiet disponibbli offruti b'mill-anqas 25 fil-mija fuq dawn ir-rotot, mill-ewwel jum wara t-tmiem tal-perjodi msemmija iktar 'il fuq.

3.2.2. Fuq rotot b'aktar minn żewġ frekwenzi ta' kuljum offruti f'kull direzzjoni, it-tnaqqis fil-produzzjoni skont 3.2.1 għandu jsir billi jitnaqqsu l-frekwenzi offruti. L-unika eċċezzjoni għal dan hija meta l-operatur juża mezz tal-ajru b'aktar postijiet mill-minimu speċifikat fl-impożizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku. L-operatur jista' f'dak il-każ juża mezzi tal-ajru iżgħar li, madankollu, ma jkollhomx postijiet anqas mill-minimu speċifikat fl-impożizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku.

3.2.3. Fuq rotot bi frekwenza waħda jew b'żewġ frekwenzi ta' kuljum offruti f'kull direzzjoni, it-tnaqqis fil-postijiet disponibbli offruti jista' jsir biss bl-użu ta' mezz tal-ajru b'anqas postijiet minn dawk speċifikati fl-impożizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku.

### 4. **Proċeduri għal bdil fil-produzzjoni**

4.1. Il-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni Norveġiż għandu r-responsabbiltà skont il-liġi għall-approvazzjoni ta' skedi tal-ħin approvati mressqa mill-operatur, inklużi bidliet fil-produzzjoni/ in-numru ta' postijiet disponibbli. Issir referenza għaċ-Ċirkulari N-3/2005 mill-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni Norveġiż, inkluża fil-fajl tal-offerta.

4.2. Jekk il-produzzjoni/ in-numru ta' postijiet ipprovduti offruti jitnaqqsu skont 3.2, proposta għal programm ġdid tat-traffiku għandha tiġi ċċirkolata mal-kunsilli tal-kontej affettwati, u dawn għandu jkollhom biżżejjed żmien biex jagħmlu stqarrija qabel il-bidla tidħol fis-seħħ. Jekk il-programm il-ġdid propost tat-traffiku jinkludi bidliet li jiksru xi obbligu ieħor minbarra n-numru ta' titjiriet u n-numru ta' postijiet, stabbiliti fl-obbligi ta' servizz pubbliku, il-programm il-ġdid tat-traffiku jrid jintbagħat lill-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni għall-approvazzjoni.

4.3. Meta jiżdiedu l-produzzjoni/in-numru tal-postijiet skont 3.1, skedi tal-ħin għal produzzjoni/postijiet ġodda għandhom jiġu miftiehma bejn l-operatur u l-kontea (kontej) bħala l-unità amministrattiva affettwata.

4.4. Jekk jiġu offruti produzzjoni ġdida/numru ta' postijiet ġodda skont 3.1, u l-operatur u l-kontea (kontej) bħala l-unità amministrattiva affettwata ma jkunux jistgħu jaqblu dwar skedi tal-ħin skont 4.3, l-operatur jista' jitlob approvazzjoni mill-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni Norveġiż skont 4.1 għal skeda ta' ħin differenti għall-produzzjoni ġdida/postijiet ġodda offruti. Dan ma jfissirx li l-operatur jista' japplika għal approvazzjoni ta' skeda ta' ħin li ma tinkludix iż-żidiet obbligatorji fil-produzzjoni. Għandu jkun hemm raġunijiet sostanzjali jekk il-Ministeru japprova proposti li jkunu differenti minn dawk li seta' jintlaħaq qbil dwarhom mill-kontej.

5. **Kumpens finanzjarju mhux mibdul meta tinbidel il-produzzjoni**

5.1. Il-kumpens finanzjarju għall-operatur jibqa' l-istess meta tiżdied il-produzzjoni skont 3.1.

5.2. Il-kumpens finanzjarju għall-operatur jibqa' l-istess meta titnaqqas il-produzzjoni skont 3.2.

*APPENDIĊI B*

**DISPOŻIZZJONIJIET DWAR SKONTI SOĊJALI**

1. Fuq rotot fejn il-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni Norveġiż jixtri servizzi tal-ajru skont l-obbligi ta' servizz pubbliku, il-gruppi ta' nies li ġejjin huma intitolati għal skonti soċjali:
   (a) persuni li għandhom 67 sena jew iktar fid-data tat-tluq;
   (b) persuni għomja li għandhom 16-il sena jew aktar;
   (c) persuni b'diżabilità li għandhom 16-il sena jew iktar u li jirċievu pensjoni tad-diżabilità skont l-att Norveġiż tat-28 ta' Frar 1997 Nru 19 dwar l-assigurazzjoni Nazzjonali 'Folketrygdloven' kapitlu 12, jew liġi simili f'xi pajjiż taż-ŻEE;
   (d) studenti li għandhom 16-il sena jew iktar u li jkunu jattendu skejjel speċjali għal persuni bi problemi fis-smigħ;
   (e) konjugi/partner, indipendentement mill-età, jew persuna li jkollha takkumpanja lil persuni inklużi f' a) sa d). Hija l-persuna intitolata għall-iskont li tiddeċiedi dwar il-ħtieġa ta' akkumpanjament;
   (f) persuni li għandhom anqas minn 16 sena fid-data tat-tluq.
2. L-iskont għal persuni inklużi fit-taqsima 1 għandu jkun ta' 50 fil-mija tan-noll massimu.
3. Dan l-iskont mhux applikabbli meta l-vjaġġ ikun imħallas mill-gvern u/jew l-uffiċċju tas-sigurtà soċjali.
4. Adult (minn 16-il sena 'l fuq) jista' jġorr tarbija ta' anqas minn sentejn b'xejn, sakemm it-tarbija ma tokkupax siġġu għaliha u meta dawn ikunu qed jivvjaġġaw flimkien matul il-vjaġġ kollu.
5. Dawn id-dokumenti jistgħu jkunu meħtieġa mill-passiġġier:
   (a) persuni msemmija fit-taqsima 1 ittra a) jridu juru dokument uffiċjali bir-ritratt u d-data tat-twelid;
   (b) persuni msemmija fit-taqsima 1 ittra b) u c) jridu jipprovdu prova ta' eliġibilità permezz ta' dokumentazzjoni uffiċjali mill-assigurazzjoni Nazzjonali Norveġiża jew 'Norges Blindeforbund'. Persuni minn pajjiżi oħra taż-ŻEE jridu jipprovdu dokumentazzjoni simili mill-pajjiż tal-oriġini tagħhom;
   (c) persuni msemmija fit-taqsima 1 ittra d) jridu jippreżentaw ċertifikat ta' studenti u ittra mill-uffiċċju tas-sigurtà soċjali li tgħid li l-istudent qed jirċievi pensjoni skont l-att Norveġiż tal-assikurazzjoni Nazzjonali. Persuni minn pajjiżi oħra taż-ŻEE jridu jipprovdu dokumentazzjoni simili mill-pajjiż tal-oriġini tagħhom.

## Servizzi tal-ajru reġjonali bi skeda fin-Norveġja

## Sejħa għall-offerti

(2008/C 250/07)

### 1. **Introduzzjoni**

In-Norveġja ddeċidiet li tippubblika offerta ġdida għat-tħaddim ta' servizzi tal-ajru bi skeda fin-Norveġja għall-perjodu mill-1 ta' April 2009-31 ta' Marzu 2012.

B'effett mill-1 ta' April 2009, in-Norveġja ddeċidiet li temenda l-obbligi ta' servizz pubbliku dwar is-servizzi tal-ajru reġjonali bi skeda fin-Norveġja, li qabel kienu ppubblikati skont l-Artikolu 4.1 (a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar aċċess għat-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità għal rotot tal-ajru intra-Komunitarji. L-obbligazzjonijiet emendati ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [1] u fis-suppliment taż-ŻEE Nru 59.

Jekk sa xahrejn mill-aħħar jum tas-sottomissjoni tal-offerta (ara t-Taqsima 6) l-ebda trasportatur tal-ajru ma jkun ipprovda prova dokumentata lill-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni dwar il-bidu ta' titjiriet bi skeda mill-1 ta' April 2009 f'konformità mal-obbligazzjoni emendata tas-sevizz pubbliku imposta fuq offerta waħda jew aktar indikati fit-Taqsima 2 ta' din il-pubblikazzjoni, il-Misteru għandu japplika l-proċedura dwar l-offerti stipulata fl-Artikolu 4 Nru. 1 litra d)-h) tar-Regolament (KEE) 2408/92, u b'hekk, mill-1 ta' April 2009, jillimita l-aċċess għal trasportatur tal-ajru wieħed għal kull offerta indikata fit-Taqsima 2.

L-iskop ta' din is-sejħa għall-offerti hi biex jintalbu offerti li għandhom jintużaw bħala bażi biex jingħataw dawn id-drittijiet esklużivi.

Hawn taħt, jinsabu riprodotti l-aktar partijiet importanti tal-Kundizzjonijiet għall-Offerti. Is-Sejħa għall-Offerti sħiħa tista' titniżżel minn http://www.regjeringen.no/en/dep/sd/Documents/Other-documents/Tenders, jew tinkiseb b'xejn b'applikazzjoni lil:

Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni
PO Box 8010 Dep
N-0030 Oslo
Tel. (47-22) 24 83 53
Faks (47-22) 24 56 09

***Dawk kollha li se jitfgħu l-offerti għandhom id-dmir li jinfurmaw ruħhom sew bis-Sejħa għall-Offerti sħiħa***

### 2. **Is-servizzi koperti mis-sejħa**

Is-sejħa tkopri titjiriet skedati mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Marzu 2012, skont l-obbligazzjoniet tas-servizz pubbliku msemmija fit-Taqsima 1. Iż-żona tar-rotta segwenti u l-offerta li tikkorrispondi magħha huma koperti mill-kompetizzjoni:

— Iż-żona tar-rotta 1 Lakselv-Tromsø
— Iż-żona tar-rotta 2 Andenes-Bodø, Andenes-Tromsø
— Iż-żona tar-rotta 3 Svolvær-Bodø
— Iż-żona tar-rotta 4 Leknes-Bodø
— Iż-żona tar-rotta 5 Røst-Bodø
— Iż-żona tar-rotta 6 Narvik (Framnes)-Bodø
— Iż-żona tar-rotta 7 Brønnøysund-Bodø, Brønnøysund-Trondheim
— Iż-żona tar-rotta 8 Sandnessjøen-Bodø, Sandnessjøen-Trondheim
— Iż-żona tar-rotta 9 Mo i Rana-Bodø, Mo i Rana-Trondheim
— Iż-żona tar-rotta 10 Mosjøen-Bodø, Mosjøen-Trondheim
— Iż-żona tar-rotta 11 Namsos-Trondheim, Rørvik-Trondheim
— Iż-żona tar-rotta 12 Florø-Oslo, Florø-Bergen

[1] Ara paġna 11 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

— Iż-żona tar-rotta 13 Førde-Oslo, Førde-Bergen

— Iż-żona tar-rotta 14 Sogndal-Oslo, Sogndal-Bergen

— Iż-żona tar-rotta 15 Sandane-Oslo, Sandane-Bergen

— Iż-żona tar-rotta 16 Ørsta-Volda-Oslo, Ørsta-Volda-Bergen

— Iż-żona tar-rotta 17 Fagernes-Oslo

— Iż-żona tar-rotta 18 Røros-Oslo

Għaż-żoni tar-rotot 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 13, 14, 15, 16, 17 u 18, it-trasportaturi tal-ajru huma mistiedna sabiex jitfgħu offerti għal kombinazzjonijiet permessi ta' żoni ta' rotot, partikolarment jekk dan inaqqas il-kumpens totali mitlub għal dawn iż-żoni tar-rotot. F'dan il-każ, dawk li jitfgħu l-offerti huma obbligati li jitfgħu offerti għal kull żona tar-rotta individwali fil-każ li jingħażlu għal żona waħda biss.

Il-kombinazzjonijiet li ġejjin huma permessi:

— Żona tar-rotta 1 Lakselv u 2 Andenes

— Żona tar-rotta 3 Svolvær u 4 Leknes

— Żona tar-rotta 5 Narvik u 6 Røst

— Żona tar-rotta 7 Brønnøysund u 8 Sandnessjøen

— Żona tar-rotta 9 Mo i Rana u 10 Mosjøen

— Żona tar-rotta 14 Sogndal, 15 Sandane u 16 Ørsta-Volda

— Żona tar-rotta 13 Førde, jekk ikunu assenjati wkoll 14 Sogndal, 15 Sandane u 16 Ørsta-Volda

— Żona tar-rotta 17 Fagernes, jekk ikunu assenjati wkoll 14 Sogndal, 15 Sandane u 16 Ørsta-Volda

— Żona tar-rotta 17 Fagernes u 18 Røros

Jekk dawk li jitfgħu l-offerti jixtiequ jitfgħu offerti għal kombinazzjonijiet permessi ta' żoni tar-rotot, huma għandhom ukoll jippreżentaw baġits tal-offerta għal kull żona tar-rotta individwali. Il-baġit tal-offerta għandu juri l-allokazzjoni tal-ispejjeż u d-dħul għal kull waħda mill-offerti inklużi fil-kombinazzjoni u jiddikjara b'mod ċar il-kumpens mitlub għal kull offerta individwali.

Fil-każ li trasportatur jissottometti offerta fejn it-talba għall-kumpens hi ta' NOK żero, dan ikun ifisser li hi x-xewqa tat-trasportatur li jopera r-rotta fuq bażi esklużiva, iżda mingħajr ebda kumpens mill-Istat tan-Norveġja

3. **Eliġibilità għall-offerti**

It-trasportaturi tal-ajru kollha li għandhom liċenzja operattiva valida skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar liċenzjar ta' air carriers huma eliġibbli għall-offerta.

4. **Proċedura tal-offerti**

Is-sejħa għall-offerta hi soġġetta għad-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu d)–i) tal-Artikolu 4.1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92, u fit-Taqsima 4 tar-Regolamenti Norveġiżi tal-15 ta' April 1994 Nru 256 dwar proċeduri għall-offerta f'rabta mal-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku biex jimplimentaw ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 l-Artikolu 4.

L-akkwist għandu jsir permezz ta' offerta pubblika għall-akkwist.

Il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni jirriżerva d-dritt li japplika negozjati sussegwenti jekk tkun daħlet offerta waħda biss meta tagħlaq id-data għas-sottomissjoni tal-offerta, jew jekk offerta waħda biss ma tkunx rifjutata. Dawn in-negozjati għandhom isiru skont l-obbligazzjonijiet imposti fuq is-settur pubbliku. B'żieda ma' dan, il-partijiet mhumiex intitolati li jagħmlu emendi sostanzjali għat-termini oriġinali tal-kuntratt waqt dawn in-negozjati Jekk in-negozjati sussegwenti ma jwasslux għal soluzzjoni aċċettabbli, il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni jirriżerva d-dritt li jħassar il-proċedura kollha. F'dak il-każ, tista' tkun ippubblikata sejħa mill-ġdid għall-offerti b'termini ġodda.

Il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni jista' jagħmel akkwist permezz ta' negozjati mingħajr pubblikazzjoni bil-quddiem jekk ma jkunu sottomessi l-ebda offerti. F'dak il-każ, m'għandhom isiru l-ebda emendi sostanzjali għall-obbligazzjonijiet ta' servizz pubbliku jew għat-termini tal-kuntratt li jkun fadal.

F'każ li jidher li jkun hemm raġunijiet raġonevoli b'riżultat tal-offerta, il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull waħda mill-offerti.

L-offerta torbot lil min ikun qed jitfagħha sakemm tintemm il-proċedura tal-offerta, jew sa meta tingħata l-offerta.

## 5. **Is-sejħa għall-offerti**

L-offerta għandha tkun ippreżentata skont l-obbligi tat-Taqsima 5 tal-Kondizzjonijiet tal-Offerta, li jinkludu l-obbligi elenkati fl-obbligi ta' servizz pubbliku.

## 6. **Preżentazzjoni tal-offerti**

L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-offerti hi 3 ta' Novembru 2008, 15.00 (ħin lokali). L-offerta trid tkun waslet għand il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni fl-indirizz imsemmi fit-Taqsima 1 sa mhux aktar tard mill-iskadenza għas-sottomissjoni tal-offerti.

L-offerta għandha jew tittieħed personalment fl-indirizz tal-uffiċċju tal-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni, jew tintbagħat bil-posta jew permezz ta' servizz tal-courier.

L-offerti li jaslu tard jiġu rrifjutati. Madanakollu, l-offerti li jaslu wara l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-offerti, iżda qabel id-data li fiha dawn jinfetħu, ma jkunux irrifjutati jekk ikun jidher ċar li jkunu ntbagħtu tant kmieni li normalment suppost kienu jaslu qabel id-data tal-għeluq. Irċevuta li l-offerta tkun waslet tkun aċċettata bħala prova li din intbagħtet, u tal-ħin li fih intbagħtet.

L-offerti għandhom ikunu ppreżentati fi 3-tliet-kopji.

## 7. **Għoti tal-kuntratt**

7.1 Għal kull żona ta' rotta, bħala regola ta' prinċipju, il-kuntratt għandu jingħata lill-offerta jew il-kombinazzjoni permessa ta' offerti bl-iżgħar talba għall-kumpens għall-perjodu kollu tal-kuntratt mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Marzu 2012.

7.2 Jekk, fost il-kombinazzjonijiet tal-offerti permessi skont it-Taqsima 2, ikun hemm offerti li ma jitolbu l-ebda kumpens, iżda biss l-użu esklussiv skont it-Taqsima 2 tal-aħħar paragrafu, għandhom jintgħażlu dawn l-offerti, irrispettivament mit-Taqsima 7.1 u, wara dan, id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 7.1 jiġu applikati għall-bqija tal-offerti.

7.3 Fil-każ li li l-offerta ma tkunx tista' tingħata għaliex ikun hemm offerti li jeħtieġu ammont identiku ta' kumpens, l-għotja tingħata lill-offerta, jew, fejn ikun relevanti, lill-kombinazzjoni tal-offerti li joffru l-akbar ammont ta' postijiet għall-perjodu kollu tal-kuntratt.

## 8. **Il-perjodu tal-kuntratt**

Il-kuntratti kollha tal-offerti għandhom isiru għall-perjodu mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Marzu 2012. Il-kuntratt ma jistax jiġi mitmum, ħlief f'dawk is-sitwazzjonijiet deskritti fid-dispożizzzjonijiet tal-kuntratt riprodotti fit-Taqsima 11.

## 9. **Kumpens finanzjarju**

L-operatur hu intitolat għal kumpens finanzjarju mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni skont il-ftehim tal-kuntratt. Il-kumpens għandu jiġi speċifikat għal kull wieħed mit-tliet snin operattivi, u għall-perjodu sħiħ tal-kuntratt.

L-ebda aġġustament għall-kumpens m'għandu jsir għall-ewwel sena ta' operazzjoni.

Għat-tieni u t-tielet sena tal-operazzjoni, il-kumpens jiġi kkalkulat mill-ġdid abbażi tal-baġit tal-offerta aġġustat għad-dħul u l-ispejjeż operattivi. Dawn l-aġġustamenti għandhom isiru fil-limiti definiti mill-indiċi tal-prezzijiet ta' Statistics Norway għall-perjodu ta' 12-il xahar li jintemm fil-15 ta' Frar tal-istess sena.

Ma għandu jsir l-ebda tibdil fil-kumpens b'riżultat ta' aġġustament tal-volum ta' produzzjoni 'il fuq jew 'l isfel skont it-Taqsima 5.1 it-tieni paragrafu tat-Termini tal-Kuntratt.

Dan hu soġġett għall-kundizzjoni li l-iStorting (il-Parlament Norveġiż), meta jadotta l-baġit annwali tiegħu, ikun għamel il-fondi neċessarji disponibbli lill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni biex ikopri l-kumpens meħtieġ.

L-operatur għandu jżomm id-dħul kollu ġġenerat mis-servizz. Jekk id-dħul ikun akbar jew l-ispiża tkun anqas miċ-ċifri li fuqha tkun ibbażata l-offerta, l-operatur jista' jżomm id-differenza. Il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni mhu għaldaqstant obbligat li jkopri l-ebda bilanċ negattiv marbut mal-baġit tal-offerta.

Kull spiża pubblika, inklużi l-ispejjeż tal-avjazzjoni, jitħallsu mill-operatur.

Minkejja kwalunkwe azzjoni għad-danni, il-kumpens finanzjarju għandu jitnaqqas proporzjonalment man-numru totali ta' titjiriet ikkanċellati għal raġunijiet li huma attribwiti direttament għat-trasportatur, jekk in-numru ta' titjiriet ikkanċellati matul sena operattiva jeċċedi l-1,5 fil-mija tan-numru ta' titjiriet ippjanati skont l-iskeda tal-ħinijiet approvata.

## 10. **Negozjar mill-ġdid**

Jekk, waqt il-perjodu tal-kuntratt, ikun hemm materjal jew ċirkostanzi mhux previsti fil-preżunzjonijiet li fuqhom ikun ibbażat il-kuntratt, kull waħda mill-partijiet tista' titlob għal negozjati biex ikun rivedut il-kuntratt. Din it-talba għandha ssir mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tkun seħħet il-bidla.

Tibdil materjali fl-ispejjeż pubbliċi li għalihom l-operatur ikun responsabbli dejjem jikkostitwixxu lok għal negozjar mill-ġdid.

Jekk obbligi statutorji jew regolatorji ġodda, jew ordnijiet ġodda maħruġa mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili jirriżultaw li mitjar ikollu jintuża' b'mod differenti milli oriġinarjament ikun ippjanat mill-operatur, il-partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jinnegozjaw emendi tal-kuntratt li jippermettu lill-operatur ikompli jopera għall-kumplament tal-perjodu tal-kuntratt. Jekk il-partijiet jonqsu milli jilħqu ftehim, l-operatur hu intitolat għall-kumpens skont ir-regoli relatati mal-waqfien jew l-għeluq (it-Taqsima 11) safejn dawn ikunu applikabbli.

## 11. **Tmiem tal-kuntratt wara l-ksur tal-kuntratt jew tibdiliet mhux previsti f'kundizzjonijiet importanti**

Soġġett għar-restrizzjonijiet li jirriżultaw mil-liġi dwar l-insolvenza, il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni jista' jtemm il-kuntratt b'effett immedjat jekk l-operatur isir insolventi, jibda proċedimenti għal-likwidazzjoni tad-dejn, ifalli jew ikun soġġett għal sitwazzjonijiet oħra li jissemmew fit-Taqsima 14 Nru 2 tar-Regolamenti Norveġiżi tal-15 ta' April 1994 Nru 256 dwar il-proċeduri għall-offerti fir-rigward tal-obbligi ta' servizz pubbliku.

Il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni jista' jtemm il-kuntratt b'effett immedjat jekk l-operatur jitlef, jew ma jkunx jista' jġedded, il-liċenzja tiegħu.

Jekk, minħabba *force majeure* jew ċirkostanzi oħra mhux fil-kontroll tal-operatur, l-operatur ma jkunx jista' jwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu għal aktar minn erba' mill-aħħar sitt xhur, il-kuntratt jista' jiġi mitmum miż-żewġ partijiet billi jagħtu notifika bil-miktub xahar qabel.

Jekk l-iStorting jiddeċiedi li jagħlaq mitjar, jew jekk mitjar jingħalaq minħabba ordni maħruġa mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili, l-obbligi kuntrattwali ordinarji tal-partijiet jaqgħu minn dak il-ħin li l-mitjar jieqaf jiffunzjona jew jingħalaq.

Jekk il-perjodu taż-żmien li jgħaddi bejn meta l-operatur ikun infurmat bil-waqfien jew l-għeluq u l-waqfien jew l-għeluq attwali jkun ta' iżjed minn sena, l-operatur mhux intitolat għall-kumpens għal kwalunkwe telf finanzjarju li jsofri minħabba li jintemm il-kuntratt. Jekk il-perjodu msemmi jkun ta' anqas minn sena, l-operatur hu intitolat li jerġa' lura għas-siwazzjoni finanzjarja li kien ikun fiha kieku l-operazzjonijiet tkomplew għal sena mid-data li jkun notifikat bil-waqfien jew l-għeluq, jew inkella sal-31 ta' Marzu 2012 jekk din id-data tiġi qabel.

Fil-każ ta' ksur materjali tal-kuntratt minn waħda mill-partijiet, il-kuntratt jista' jkun ikkanċellat mill-parti l-oħra b'effett immedjat.

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# KUMMISSJONI

## It-tħaddim ta' servizzi tal-ajru skedati

**Stedina għall-offerti għal kuntratti rigward it-tħaddim ta' disa' rotot skedati tal-ajru, soġġetti għal obbligi tas-servizz pubbliku, maħruġa mir-Repubblika Ellenika skont l-Artikolu (4)(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 250/08)

1. **Introduzzjoni**

F'konformità mal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar aċċess għat-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità għal rotot tal-ajru intra-Komunitarji, il-Gvern Grieg impona obbligi tas-servizz pubblika firrigward tas-servizzi tal-ajru skedati fuq ir-rotot li ġejjin:

— Ateni-Kitira,

— Ateni-Naxos,

— Ateni-Paros,

— Ateni-Karpathos,

— Ateni-Sitia,

— Ateni-Skiatos,

— Tessaloniki-Korfu,

— Rodi-Kos-Leros-Astipalea,

— Korfu-Aktio-Kefalonja-Zakintos.

Ir-rekwiżiti tal-obbligi tas-servizz pubbliku ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 249 ta' l-1 ta' Ottubru 2008.

Jekk sat-28 ta' Frar 2009, l-ebda trasportatur bl-ajru ma jkun iddikjara lill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili, li biħsiebu jopera titjiriet skedati fuq waħda jew aktar mir-rotot imsemmija hawn fuq mill-1 ta' April 2009 skont ir-rekwiżiti tal-obbligi tas-servizz pubbliku għar-rotta jew rotot ikkonċernati u mingħajr kumpens finanzjarju, il-Greċja ddeċidiet li, skont il-proċedura stipulata fl-Artikou 4(1)(d) tar-Regolament imsemmi, se tiftaħ il-proċedura sabiex tillimita l-aċċess għal waħda jew aktar mir-rotot imsemmija hawn fuq (kif iddikjarat fl-artikolu li jmiss) għal trasportatur wieħed għal perjodu ta' tliet snin u li toffri d-dritt li jitħaddmu r-rotot ikkonċernati mill-1 ta' April 2009 permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti:

2. **L-għan tas-sejħa għall-offerti**

Id-dritt esklussiv li jitħaddmu servizzi tal-ajru skedati fuq ir-rotot li ġejjin, soġġeti għal obbligi tas-servizz pubbliku għal perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Marzu 2009. Ir-rotot skedati huma dawn:

— Ateni-Kitira,

— Ateni-Naxos,

— Ateni-Paros,

— Ateni-Karpathos,

— Ateni-Sitia,

— Ateni-Skiatos,

— Tessaloniki-Korfu,

— Rodi-Kos-Leros-Astipalea,

— Korfu-Aktio-Kefalonja-Zakintos.

Is-servizzi fuq dawn ir-rotot għandhom jitħaddmu skont l-istipulazzjonijiet tal-obbligu korrispondenti tas-servizz pubbliku, li ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 249 ta' l-1 ta' Ottubru 2008.

L-offerti jistgħu jitressqu għal waħda jew diversi mir-rotot imsemmija hawn fuq. Madankollu, l-offerti kollha għandhom jitressqu b'mod separat għal kull rotta.

Minħabba n-natura speċjali tar-rotot tal-ajru kkonċernati, it-trasportaturi bl-ajru għandhom ikunu jistgħu juru li l-ekwipaġġ tal-kabina li jaqdi lill-passiġġieri fuq ir-rotot imsemmija hawn fuq, jkun kapaċi jitkellem u jifhem il-Grieg.

3. **Parteċipazzjoni fil-proċedura tal-offerti**

It-trasportaturi kollha bl-ajru f'pussess ta' liċenzja valida tal-operat maħruġa minn Stat Membru f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 dwar liċenzjar ta' air carriers [trasportaturi bl-ajru] jistgħu jieħdu sehem fil-proċedura tal-offerti.

It-trasportaturi bl-ajru koperti mir-restrizzjonijiet inkella li mhumiex eliġibbli, kif imsemmija fil-Liġi Nru 3310/2005 (Il-Gazzetta tal-Gvern tal-Greċja I 30 tal-14 ta' Frar 2005) "Miżuri biex tiġi żgurata t-trasparenza u għall-prevenzjoni tal-infrazzjonijiet matul il-proċedura għall-iffirmar tal-kuntratti pubbliċi", kif emendata bil-Liġi Nru 3414/2005 (Il-Gazzetta tal-Gvern tal-Greċja I 279 tal-10 ta' Novembru 2005), huma esklużi milli jieħdu sehem fil-proċedura tal-offerti.

4. **Il-proċedura tal-offerti**

Dni il-proċedura tal-offerti hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1)(d) sa (i) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 dwar aċċess għat-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità għal rotot tal-ajru intra-Komunitarji.

F'emerġenza, jekk jiġi deċiż li l-proċedura tal-offerti tiġi ripetuta (minħabba ta' riżultat mingħajr suċċess tal-ewwel proċedura), il-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni jista' jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jkunu koperti l-ħtiġijiet essenzjali tat-trasport bl-ajru ta' reġjun remot partikolari, bil-kundizzjoni li dawn il-miżuri jkunu konformi mal-prinċipji tan-non-diskriminazzjoni, il-proporzjonalità u t-trasparenza u ma jdumux aktar minn sitt xhur.

Barra minn hekk, jekk titressaq biss offerta waħda, u din l-offerta titqies inaċċettabbli mil-lat finanzjarju, tista' tinfetaħ il-proċedura għan-negozjati.

L-offerenti huma marbuta bl-offerti li jressqu sa meta jingħataw il-kuntratti.

5. **Il-fajl tal-offerti**

Il-fajl sħiħ li fih l-ispeċifikazzjonijiet, id-dokumenti ta' appoġġ meħtieġa għall-parteċipazzjoni u wkoll tagħrif ieħor, huwa disponibbli b'xejn mill-Hellenic Civil Aviation Authority, Directorate for Air Operations, Section II, Vas. Georgiou 1, GR-16604 Elliniko, tel. (30) 21 08 91 61 49 jew 891 61 21, feks (30) 21 08 94 71 32.

6. **Kumpens finanzjarju**

L-offerti jridu jinkludu b'mod espliċitu t-tariffa meħtieġa għal kull kwart biex titħaddem kull rotta, għal perjodu ta' tliet snin mid-data proposta għall-bidu tal-operati (bi tqassim annwali tal-kontijiet kif iddikjarat fl-ispeċifikazzjonijiet). Il-kumpens finanzjarju jitħallas fuq bażi ta' kull kwart, 30 jum wara d-data tal-fattura rilevanti maħruġa mit-trasportatur bl-ajru, permezz ta' trasferiment ta' fondi fil-kont li t-trasportatur bl-ajru għandu jkollu f'bank rikonoxxut fil-Greċja. L-ammont eżatt tal-kumpens se jkun determinat fuq il-bażi tat-titjiriet filfatt operati, ċertifikat mill-korpi rilevanti tal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili b'dikjarazzjoni li t-termini tal-kuntratt ġew sodisfatti kif xieraq, u l-ammont ta' kumpens dovut pro rata.

7. **Il-kriterju tal-għażla**

Il-kriterju biex issir għażla minn fost it-trasportaturi bl-ajru meqjusa li huma f'pożizzjoni li jipprovdu s-servizzi fuq kull rotta, koperti mill-istedina għall-offerti, f'konformità mar-rekwiżiti mitluba, għandu jkun l-aktar ċifra baxxa għall-kumpens finanzjarju totali mitlub fir-rigward tar-rotta kkonċernata.

8. **Tul ta' żmien, emendar u annullament tal-kuntratt**

Il-kuntratt se japplika mill-1 ta' April 2009 u se jiskadi fil-31 ta' Marzu 2012.

Kwalunkwe emenda għall-kuntratt trid tikkonforma mal-obbligi tas-servizz pubbliku li ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 249 ta' l-1 ta' Ottubru 2008. L-emendi għall-kuntratt għandhom isiru bil-miktub.

Jekk ikun hemm xi bidla mhux mistennija fil-kundizzjonijiet tal-operat, l-ammont ta' kumpens jista' jiġi rivedut.

Kull parti kontraenti tista' ttemm il-kuntratt billi tavża sitt xhur bil-quddiem. Jekk ikun hemm raġunijiet partikolarment serji għal dan, inkella jekk it-trasportatur bl-ajru jkun naqas milli jaderixxi kif xieraq mat-termini kuntrattwali rigward l-obbligi tas-servizz pubbliku, l-awtorità li tagħti l-kuntratt tista' ttemmu mingħajr ma tavża bil-quddiem. Il-kuntratt jitqies ukoll bħala tterminat awtomatikament jekk il-liċenzja tal-operat tal-kuntrattur jew iċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru (AOC) tiġi sospiża jew revokata.

9. **Sanzjonijiet għal nuqqasijiet ta' konformità mat-termini tal-kuntratt**

It-trasportatur bl-ajru għandu jkun responsabbli biex jaderixxi kif xieraq mat-termini tal-kuntratt.

L-għadd ta' titjiriet imħassra għal raġunijiet li għalihom ikun responsabbli t-trasportatur bl-ajru m'għandux jaqbeż it-2 % tal-għadd totali annwali ta' titjiriet. F'dawn il-każijiet, l-ammont ta' kumpens finanzjarju għandu jitnaqqas pro rata.

Fil-każ li l-kuntrattur jonqos milli jaqdi dmirijietu kollha jew parti minnhom, skont il-kuntratt, għal raġunijiet li ma jikkostitwux *force majeure* (minbarra l-każ fejn l-għadd ta' titjiriet imħassra ma jaqbiżx 2 % tal-għadd totali annwali ta' titjiriet, imsemmija fil-paragrafu preċedenti, l-awtorità kontraenti se tkun intitolata timponi t-tnaqqis li ġej mill-kumpens finanzjarju u penali addizzjonali:

— meta l-għadd ta' titjiriet imħassra fuq rotta partikolari jaqbeż 2 % tal-għadd totali annwali ta' titjiriet skedati, il-kumpens finanzjarju li għandu jitħallas fir-rigward ta' dik ir-rotta (għat-titjiriet fil-fatt operati matul dak il-kwart) ikompli jitnaqqas b'ammont ugwali għal dak li kieku kien japplika li kieku t-titjiriet ġew operati b'mod normali;

— meta n-nuqqas jirrigwarda l-għadd ta' siġġijiet fil-fatt disponibbli kull ġimgħa matul il-kwart, il-kumpens finanzjarju jitnaqqas fi proporzjon mal-għadd ta' siġġijiet li ma jiġux offruti;

— meta n-nuqqas jirrigwarda t-tariffi għat-titjiriet, il-kumpens finanzjarju jitnaqqas fi proporzjon mad-differenza bejn it-tariffi attwali u t-tariffi kif kellhom ikunu.

— fil-każ ta' nuqqas ieħor ta' osservazzjoni tat-termini tal-kuntratt, il-multa prevista fir-regolamenti tal-ajurport tiġi imposta;

— meta l-kuntrattur jagħmel l-istess żball għat-tielet darba fl-istess kwart fuq l-istess rotta, minbarra s-sanzjonijiet imsemmija hawn fuq, jistgħu jkunu meħtieġa, bħala klawżola ta' rinunzja, ir-rinunzja totali jew parzjali tal-ittra ta' garanzija ta' prestazzjoni xierqa rigward it-termini tal-kuntratt f'dak li għandu x'jaqsam mar-rotta partikolari, wara notifika bil-miktub mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili lill-kuntrattur, u bil-kundizzjoni li l-kuntrattur ma jipprovdix biżżejjed provi addizjonali li n-nuqqas ma kienx tort tiegħu. Meta jkun qed jiġi deċiż jekk għandhomx jiġu imposti s-sanzjonijiet previsti f'dan il-punt, għandha titqies is-serjeta ta' kull nuqqas li jkun ġie individwat, u għandu jiġi applikat il-prinċipju tal-proporzjonalità.

L-awtorità li tagħti l-kuntratt tista' titlob ukoll kumpens għall-ħsara kkawżata.

## 10. Sottomissjoni tal-offerti

L-offerti għandhom jintbagħtu f'ħames kopji bil-posta rreġistrata u bil-wasla rreġistrata inkella mwassla personalment bl-għoti ta' irċevuta fl-indirizz li ġej:

Ministry of Transport and Communications
Civil Aviation Authority
Directorate General for Air Transport
Directorate for Air Operations, Section II

Indirizz postali:

Vasileos Georgiou 1
GR-16604 Elliniko

Il-ħin u d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti huwa 12 nofsinjar fit-32 jum wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa għall-offerti fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* L-offerti mibgħuta bil-posta għandhom jaslu sal-ħin u d-data msemmija hawn fuq, kif ċertifikat bl-irċevuta tal-wasla.

## 11. Il-validità tas-sejħa għall-offerti

Din l-istedina għall-offerti għandha tkun valida bil-kundizzjoni li sat-28 ta' Frar 2009, l-ebda trasportatur Komunitarja ma jkun iddikjara (permezz tal-preżentazzjoni ta' pjan għat-titjiriet lill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili) l-intenzjoni tiegħu li jopera titjiriet skedati fuq waħda jew diversi mir-rotot imsemmija hawn fuq mill-1 ta' April 2009, skont l-obbligi tas-servizz pubbliku imposti, u mingħajr ma jirċievi kumpens finanzjarju.

Fi kwalunkwe każ, is-sejħa għall-offerti għandha tibqa' tapplika fir-rigward ta' dawk ir-rotot li għalihom l-ebda trasportatur bl-ajru ma jkun wera interess kif jissemma hawn fuq sat-28 ta' Frar 2009 bit-termini msemmija hawn fuq.

*Il-Ministru*

Kostis HATZIDAKIS

**It-tħaddim ta' servizzi tal-ajru skedati**

**Stedina għall-offerti għal kuntratti rigward it-tħaddim ta' għaxar rotot skedati tal-ajru, soġġetti għal obbligi tas-servizz pubbliku, maħruġa mir-Repubblika Ellenika skont l-Artikolu (4)(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 250/09)

1. **Introduzzjoni**

F'konformità mal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar aċċess għat-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità għal rotot tal-ajru intra-Komunitarji, il-Gvern Grieg impona obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward tas-servizzi tal-ajru skedati fuq ir-rotot li ġejjin:

— Ateni-Astipalea,

— Ateni-Ikaria,

— Ateni-Leros,

— Ateni-Milos,

— Thessaloniki-Samos,

— Thessaloniki-Hios,

— Limnos-Mitilini-Hios-Samos-Rodi,

— Rodi-Karpathos-Kasos-Sitia,

— Alexandroupoli-Sitia,

— Aktio-Sitia.

Ir-rekwiżiti tal-obbligi tas-servizz pubbliku ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 249 ta' l-1.10.2008.

Jekk sal-31 ta' Jannar 2009, l-ebda trasportatur bl-ajru ma jkun iddikjara lill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili, li biħsiebu jopera titjiriet skedati fuq waħda jew aktar mir-rotot imsemmija hawn fuq mill-1 ta' Marzu 2009 skont ir-rekwiżiti tal-obbligi tas-servizz pubbliku għar-rotta jew rotot ikonċernati u mingħajr kumpens finanzjarju, il-Greċja ddeċidiet li, skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament imsemmi, se tiftaħ il-proċedura sabiex tillimita l-aċċess għal waħda jew aktar mir-rotot imsemmija hawn fuq (kif iddikjarat fl-artikolu li jmiss) għal trasportatur bl-ajru wieħed għal perjodu ta' tliet snin u li toffri d-dritt li jitħaddmu r-rotot ikkonċernati mill-1 ta' Marzu 2009 permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti:

2. **L-għan tas-sejħa għall-offerti**

Id-dritt esklussiv li jitħaddmu servizzi tal-ajru skedati fuq ir-rotot li ġejjin, soġġeti għal obbligi tas-servizz pubbliku għal perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Marzu 2009. Ir-rotot skedati huma dawn:

— Ateni-Astipalea,

— Ateni-Ikaria,

— Ateni-Leros,

— Ateni-Milos,

— Thessaloniki-Samos,

— Thessaloniki-Hios,

— Limnos-Mitilini-Hios-Samos-Rodi,

— Rodi-Karpathos-Kasos,

— Alexandroupoli-Sitia,

— Aktio-Sitia.

Is-servizzi fuq dawn ir-rotot għandhom jitħaddmu skont l-istipulazzjonijiet tal-obbligu korrispondenti tas-servizz pubbliku, li ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 249 ta' l-1.10.2008.

L-offerti jistgħu jitressqu għal waħda jew diversi mir-rotot imsemmija hawn fuq. Madankollu, l-offerti kollha għandhom jitressqu b'mod separat għal kull waħda mir-rotot.

Minħabba n-natura speċjali tar-rotot tal-ajru kkonċernati, it-trasportaturi tal-ajru għandhom ikunu jistgħu juru li l-ekwipaġġ tal-kabina li jaqdi lill-passiġġieri fuq ir-rotot imsemmija hawn fuq, jkun kapaċi jitkellem u jifhem il-Grieg.

3. **Parteċipazzjoni fil-proċedura tal-offerta**

It-trasportaturi bl-ajru kollha f'pussess ta' liċenzja valida tal-operat maħruġa minn Stat Membru f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 dwar liċenzjar ta' air carriers [trasportaturi bl-ajru] jistgħu jieħdu sehem fil-proċedura tal-offerti.

Trasportaturi bl-ajru koperti mir-restrizzjonijiet inkella li mhumiex eliġibbli, kif imsemmija fil-Liġi Nru 3310/2005 (Il-Gazzetta tal-Gvern tal-Greċja I 30 tal-14 ta' Frar 2005) "Miżuri biex tiġi żgurata t-trasparenza u għall-prevenzjoni tal-infrazzjonijiet matul il-proċedura għall-iffirmar tal-kuntratti pubbliċi", kif emendata bil-Liġi Nru 3414/2005 (Il-Gazzetta tal-Gvern tal-Greċja I 279 tal-10 ta' Novembru 2005), huma esklużi milli jieħdu sehem fil-proċedura tal-offerti.

4. **Il-proċedura tal-offerti**

Dni il-proċedura tal-offerti hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1)(d) sa (i) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 dwar aċċess għat-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità għal rotot tal-ajru intra-Komunitarji.

F'emerġenza, jekk jiġi deċiż li l-proċedura tal-offerti tiġi ripetuta (minħabba ta' riżultat mingħajr suċċess tal-ewwel proċedura), il-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni jista' jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jkunu koperti l-ħtiġijiet essenzjali tat-trasport bl-ajru ta' reġjun remot partikolari, bil-kundizzjoni li dawn il-miżuri jkunu konformi mal-prinċipji tan-non-diskriminazzjoni, il-proporzjonalità u t-trasparenza u ma jdumux aktar minn sitt xhur.

Barra minn hekk, jekk titressaq biss offerta waħda, u din l-offerta titqies inaċċettabbli mil-lat finanzjarju, tista' tinfetaħ il-proċedura għan-negozjati.

L-offerenti għandhom ikunu marbuta bl-offerti li jkunu ressqu sa meta jingħataw il-kuntratti.

5. **Il-fajl tal-offerti**

Il-fajl sħiħ li fih l-ispeċifikazzjonijiet, id-dokumenti ta' appoġġ meħtieġa għall-parteċipazzjoni u wkoll tagħrif ieħor, huwa disponibbli b'xejn mill-Hellenic Civil Aviation Authority, Directorate for Air Operations, Section II, Vas. Georgiou 1, GR-16604 Elliniko, tel. (30) 21 08 91 61 49 jew 891 61 21, feks (30) 21 08 94 71 32.

6. **Kumpens finanzjarju**

L-offerti jridu jinkludu b'mod espliċitu t-tariffa meħtieġa għal kull kwart biex titħaddem kull rotta, għal perjodu ta' tliet snin mid-data proposta għall-bidu tal-operati (bi tqassim annwali tal-kontijiet kif iddikjarat fl-ispeċifikazzjonijiet). Il-kumpens finanzjarju jitħallas fuq bażi ta' kull kwart, 30 jum wara d-data tal-fattura rilevanti maħruġa mit-trasportatur bl-ajru, permezz ta' trasferiment ta' fondi fil-kont li t-trasportatur bl-ajru għandu jkollu f'bank rikonoxxut fil-Greċja. L-ammont eżatt tal-kumpens se jkun determinat fuq il-bażi tat-titjiriet filfatt operati, ċertifikat mill-korpi rilevanti tal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili b'dikjarazzjoni li t-termini tal-kuntratt ġew sodisfatti kif xieraq, u l-ammont ta' kumpens dovut pro rata.

7. **Il-kriterju tal-għażla**

Il-kriterju biex issir għażla minn fost it-trasportaturi bl-ajru meqjusa li huma f'pożizzjoni li jipprovdu s-servizzi fuq kull rotta, koperti mill-istedina għall-offerti, f'konformità mar-rekwiżiti mitluba, għandu jkun l-aktar ċifra baxxa għall-kumpens finanzjarju totali mitlub fir-rigward tar-rotta kkonċernata.

8. **Tul ta' żmien, emendar u annullament tal-kuntratt**

Il-kuntratt se japplika mill-1 ta' Marzu 2009 u se jiskadi fid-29 ta' Frar 2012.

Kwalunkwe emenda għall-kuntratt trid tikkonforma mal-obbligi tas-servizz pubbliku li ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 249 ta' l-1.10.2008. L-emendi għall-kuntratt għandhom isiru bil-miktub.

Jekk ikun hemm xi bidla mhux mistennija fil-kundizzjonijiet tal-operat, l-ammont ta' kumpens jista' jiġi rivedut.

Kull parti kontraenti tista' ttemm il-kuntratt billi tavża sitt xhur bil-quddiem. Jekk ikun hemm raġunijiet partikolarment serji għal dan, inkella jekk it-trasportatur bl-ajru jkun naqas milli jaderixxi kif xieraq mat-termini kuntrattwali rigward l-obbligi tas-servizz pubbliku, l-awtorità li tagħti l-kuntratt tista' ttemmu mingħajr ma tavża bil-quddiem. Il-kuntratt jitqies ukoll bħala tterminat awtomatikament jekk il-liċenzja tal-operat tal-kuntrattur jew iċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru (AOC) tiġi sospiża jew revokata.

9. **Sanzjonijiet għal nuqqasijiet ta' konformità mat-termini tal-kuntratt**

It-trasportatur tal-ajru għandu jkun responsabbli mill-adeżjoni kif xieraq mat-termini tal-kuntratt.

L-għadd ta' titjiriet imħassra għal raġunijiet li għalihom huwa responsabbli t-trasportatur m'għandux jaqbeż it-2 % tal-għadd totali annwali ta' titjiriet. F'dawn il-każijiet, l-ammont ta' kumpens finanzjarju għandu jitnaqqas pro rata.

Fil-każ li l-kuntrattur jonqos milli jaqdi dmirijietu kollha jew parti minnhom, skont il-kuntratt, għal raġunijiet li ma jikkostitwux *force majeure* (minbarra l-każ fejn l-għadd ta' titjiriet imħassra ma jaqbiżx 2 % tal-għadd totali annwali ta' titjiriet, imsemmija fil-paragrafu preċedenti, l-awtorità kontraenti se tkun intitolata timponi t-tnaqqis li ġej mill-kumpens finanzjarju u penali addizzjonali:

— meta l-għadd ta' titjiriet imħassra fuq rotta partikolari jaqbeż 2 % tal-għadd totali annwali ta' titjiriet skedati, il-kumpens finanzjarju li għandu jitħallas fir-rigward ta' dik ir-rotta (għat-titjiriet fil-fatt operati matul dak il-kwart) ikompli jitnaqqas b'ammont ugwali għal dak li kieku kien japplika li kieku t-titjiriet ġew operati b'mod normali,

— meta n-nuqqas jirrigward l-għadd ta' siġġijiet fil-fatt disponibbli kull ġimgħa matul il-kwart, il-kumpens finanzjarju jitnaqqas fi proporzjon mal-għadd ta' siġġijiet li ma jiġux offruti,

— meta n-nuqqas jirrigwarda t-tariffi għat-titjiriet, il-kumpens finanzjarju jitnaqqas fi proporzjon mad-differenza bejn it-tariffi attwali u t-tariffi kif kellhom ikunu,

— fil-każ ta' nuqqas ieħor ta' osservazzjoni tat-termini tal-kuntratt, il-multa prevista fir-regolamenti tal-ajurport tiġi imposta,

— meta l-kuntrattur jikkommetti l-istess żball għat-tielet darba fl-istess kwart fuq l-istess rotta, minbarra s-sanzjonijiet imsemmija hawn fuq, ir-rinunzja totali jew parzjali għall-ittra ta' garanzija ta' prestazzjoni xierqa rigward it-termini tal-kuntratt f'dak li għandu x'jaqsam mar-rotta partikolari jista' jintalab bħala klawżola ta' rinunzja, wara notifika bil-miktub mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili lill-kuntrattur, u bil-kundizzjoni li l-kuntrattur ma jipprovdix biżżejjed provi addizzjonali li n-nuqqas ma kienx tort tiegħu. Meta jkun qed jiġi deċiż jekk għandhomx jiġu imposti s-sanzjonijiet previsti f'dan il-punt, għandha titqies is-serjeta ta' kull nuqqas li jkun ġie individwat, u għandu jiġi applikat il-prinċipju tal-proporzjonalità.

L-awtorità li tagħti l-kuntratt tista' wkoll titolb kumpens għall-ħsara kkawżata.

10. **Sottomissjoni tal-offerti**

L-offerti għandhom jintbagħtu f'ħames kopji bil-posta rreġistrata u bil-wasla rreġistrata inkella mwassla personalment bl-għoti ta' irċevuta fl-indirizz li ġej:

Ministry of Transport and Communications
Civil Aviation Authority
Directorate General for Air Transport
Directorate for Air Operations, Section II

Indirizz postali:

Vasileos Georgiou 1
GR-16604 Elliniko

Il-ħin u d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti huwa 12 nofsinhar fit-32 jum wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa għall-offerti fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* L-offerti mibgħuta bil-posta għandhom jaslu sal-ħin u d-data msemmija hawn fuq, kif ċertifikat bl-irċevuta tal-wasla.

11. **Il-validità tas-sejħa għall-offerti**

Din l-istedina għall-offerti għandha tkun valida bil-kundizzjoni li sal-31 ta' Jannar 2009, l-ebda trasportatur bl-ajru Komunitarju ma jkun iddikjara (permezz tal-preżentazzjoni ta' pjan għat-titjiriet lill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili) l-intenzjoni tiegħu li jopera titjiriet skedati fuq waħda jew diversi mir-rotot imsemmija hawn fuq mill-1 ta' Marzu 2009, skont l-obbligi tas-servizz pubbliku imposti, u mingħajr ma jirċievi kumpens finanzjarju.

Fi kwalunkwe każ, is-sejħa għall-offerti għandha tibqa' tapplika fir-rigward ta' dawk ir-rotot li għalihom l-ebda trasportatur bl-ajru ma jkun wera interess kif jissemma hawn fuq sal-31 ta' Jannar bit-termini msemmija hawn fuq.

*Il-Ministru*

Kostis HATZIDAKIS

# SEJĦA GĦAL PROPOSTI — EACEA/31/08

## Azzjoni 4.1 — Appoġġ għal organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ

(2008/C 250/10)

1. **Objettivi u deskrizzjoni**

Din is-sejħa għal proposti għandha l-għan li tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet permanenti ta' korpi attivi fuq livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ u tipprova tilħaq għan li hu ta' interess ġenerali Ewropew.

Dawn l-attivitajiet għandhom jgħinu biex iħeġġu liż-żgħażagħ biex jipparteċipaw bħala ċittadini fil-ħajja pubblika, fis-soċjetà u fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' kooperazzjoni fuq skala Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ meħud fis-sens wiesa' tiegħu.

Għotja annwali tista' tingħata biex tgħin lil dawn il-korpi biex ilaħħqu mal-ispejjeż operattivi tagħhom. Dawn il-korpi jistgħu jkunu:

— organizzazzjoni mhux bi skop ta' qligħ li twettaq l-attivitajiet tagħha għaż-żgħażagħ fuq livell Ewropew,

— netwerk Ewropea li jirrappreżenta korpi li jaħdmu għaż-żgħażagħ.

L-għotja tingħata b'rispett xierqa għall-indipendenza tal-korp fl-għażla tal-membri tiegħu u għall-awtonomija tiegħu fid-definizzjoni dettaljata tal-attivitajiet tiegħu.

**Din is-sejħa għal proposti ma tikkonċernax lil dawk l-organizzazzjonijiet li diġà kkonkludew Ftehim Qafas ta' Sħubija mal-Aġenzija għall-2008-2010.**

Is-sejħa għal proposti hija mmirata lejn l-għażla ta' organizzazzjonijiet għall-konklużjoni ta' ftehimiet annwali ta' għotjiet ta' ħidma li jkopru s-sena tal-baġit 2009. Organizzazzjonijiet magħżula taħt is-sejħa **EACEA/20/07** għar-riċeviment ta' għotja ta' ħidma annwali għall-2008, kif ukoll organizzazzjonijiet li ma applikawx jew li ma ntgħażlux taħt is-sejħa EACEA/20/07 huma mistiedna biex japplikaw jekk il-profil tagħhom jaqbel mad-deskrizzjoni ta' hawn taħt.

2. **Kandidati eliġibbli**

2.1. *Korpi eliġibbli*

Sabiex korp ikun eliġibbli għal għotja ta' ħidma, dan għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

— ma jkunx korp tal-gvern,

— ikun ilu legalment stabbilit għal talanqas sena mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet fil-każ ta' ftehim annwali ta' ħidma meta tkun qed issir l-applikazzjoni,

— ikun mingħajr skopijiet ta' qligħ,

— ikun organizzazzjoni speċifikament għaż-żgħażagħ jew organizzazzjoni li tkun tinkludi attivitajiet aktar mifruxa iżda li parti minnhom tkun destinata lejn iż-żgħażagħ,

— ikun jinvolvi liż-żgħażagħ fil-ġestjoni ta' attivitajiet żviluppati u mmirati lejhom stess,

— ikun hemm mill-anqas membru wieħed permanenti fost il-persunal tiegħu (bi ħlas jew mingħajr). Issir eċċezzjoni għal dawk il-korpi li jkunu għadhom qatt ma bbenefikaw minn għotjiet taħt din l-azzjoni u li jkollhom l-intenzjoni li jimpjegaw membru tal-persunal permanenti fil-każ li jingħataw din l-għotja.

2.2. *Pajjiżi eliġibbli*

Il-korpi li huma stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin huma eliġibbli sabiex japplikaw:

— l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea,

— l-Istati ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Kummerċ Ħieles (EFTA) u ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE): l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja,

— il-pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni: it-Turkija,

— il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent: l-Albanija, il-Bożnja u Ħerżegovina, il-Kroazja, l-eks Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja,

— ċerti pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Lvant: il-Belarus, il-Moldova, il-Federazzjoni Russa, l-Ukraina.

Dawk il-korpi li qed japplikaw għandu jkollhom organizzazzjonijiet attivi f'minn talanqas **tmien** pajjiżi msemmija hawnhekk.

3. **Attivitajiet Eliġibbli**

L-organizzazzjonijiet għandhom jiskedaw fil-pjan ta' ħidma annwali tagħhom għall-2009 **(1 ta' Jannar 2009-31 ta' Diċembru 2009)** serje ta' attivitajiet li jikkonformaw mal-prinċipji li jirfdu l-azzjoni tal-Komunità fil-qasam taż-żgħażagħ.

L-attivitajiet li aktarx li jikkontribwixxu lejn it-tisħiħ u t-titjib tal-effiċjenza tal-azzjoni tal-Komunità huma dawn:

— **Grupp 1:** rappreżentazzjoni tal-fehmiet u l-interessi taż-żgħażagħ fid-diversità tagħhom fuq livell Ewropew,

— **Grupp 2:** skambji ta' żgħażagħ u servizzi volontarji,

— **Grupp 3:** tagħlim mhux formali u informali u programmi ta' attivitajiet immirati lejn iż-żgħażagħ,

— **Grupp 4:** promozzjoni ta' tagħlim u fehim interkulturali,

— **Grupp 5:** dibattitu dwar affarijiet Ewropej, politika tal-UE jew politika dwar iż-żgħażagħ,

— **Grupp 6:** tixrid ta' informazzjoni dwar azzjoni tal-Komunità,

— **Grupp 7:** azzjonijiet li jippromwovu l-parteċipazzjoni u l-inizjattiva miż-żgħażagħ.

4. **Kriterji għall-Għoti**

L-applikazzjonijiet għall-fondi ser jiġu evalwati fid-dawl ta' dawn il-kriterji kwalitattivi:

— kemm huma adattati f'termini tal-objettivi tal-programm,

— il-kwalità tal-attivitajiet ippjanati,

— l-impatt u l-effett ta' multiplikazzjoni ta' dawn l-attivitajiet fuq iż-żgħażagħ,

— l-impatt ġeografiku tal-attivitajiet ippjanati,

— l-involviment taż-żgħażagħ fl-organizzazzjoni tal-korpi kkonċernati.

u ta' dawn il-kriterji kwantitattivi:

In-numru ta' attivitajiet ippjanati:

— attivitajiet ippjanati,

— gruppi ta' attivitajiet involuti,

— suġġetti koperti,

— żgħażagħ li jieħdu sehem fl-attivitajiet, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet,

— il-pajjiżi involuti.

5. **Baġit**

Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament tal-ħidma ta' korpi attivi fuq livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ huwa stmat, għall-2009, għal **minimu ta' EUR 1 400 000**. L-għajnuna finanzjarja tal-Komunità ma tistax taqbeż **80 % tat-total ta' l-ispejjeż ta' ħidma eliġibbli**.

L-ogħla għotja Komunitarja għal kull korp hija ta' **EUR 35 000 fil-każ ta' ftehim annwali ta' ħidma**.

Għall-kalkolazzjoni tal-ammont tal-għotja operattiva, l-organizzazzjonijiet applikanti jistgħu jagħżlu bejn żewġ sistemi ta' finanzjament:

(1) finanzjament b'rata fissa;

(2) finanzjament tradizzjonali tal-ispejjeż eliġibbli skont il-baġit (kalkolu abbażi tal-baġit).

6. **Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet**

Jiġu aċċettati biss applikazzjonijiet ppreżentati bil-formola korretta, u li huma mimlija kif suppost, datati, u ppreżentati f'**żewġ kopji (1 oriġinali)**, u ffirmati mill-persuna awtorizzata biex tidħol għal impenji li jorbtu legalment f'isem il-korp li jissottometti l-applikazzjoni.

L-applikazzjonijiet għal għotjiet għandhom jintbagħtu lil dan l-indirizz sa l-**1 ta' Diċembru 2008**:

Education, Audiovisual & Culture Executive Agency
Youth Unit (P6)
Grant application "Youth in Action" — Action 4.1 — 2009
Avenue du Bourget 1 (BOUR — 1/01)
B-1140 Brussels

— bil-posta (data tat-timbru tal-posta),

— b'servizz ta' kurrier (data tal-irċevuta tas-servizz tal-kurrier).

Applikazzjonijiet mibgħuta bil-faks jew bil-posta elettronika ma jiġux aċċettati.

7. **Iktar Informazzjoni**

L-applikazzjonijiet iridu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Linji Gwida dwar l-Applikazzjoni — Sejħa għal proposti EACEA/31/08 —, u jridu jiġu ppreżentati permezz tal-formola ta' applikazzjoni pprovduta għal dan l-iskop u jridu jinkludu l-annessi relevanti. Dawn id-dokumenti jistgħu jinkisbu minn fuq l-Internet, fuq dan l-indirizz:

http://eacea.ec.europa.eu/youth/index_en.htm

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# KUMMISSJONI

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.5315 — STAK Van der Sluijs Groep/Frisol Beheer/North Sea Petroleum Holding)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 250/11)

1. Fit-23 ta' Settembru 2008, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi Stichting Administratiekantoor Van der Sluijs Groep Holding ("STAK Van der Sluijs Groep", Netherlands) u Frisol Beheer BV ("Frisol Beheer", Netherlands) li tappartjeni għall-grupp Reggeborgh Groep (Netherlands) fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata mis-Sur D. Wessels jiksbu skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll konġunt tal-impriża North Sea Petroleum Holding BV ("North Sea Petroleum Holding", l-Olanda) permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi proġett konġunt.

2. L-attivitajiet ta' negozju tal-impriżi msemmija huma:

— għal STAK Van der Sluijs Groep: kummerċ fi prodotti tal-petroleum u għal użu tal-art, jiġifieri bejgħ mhux bl-imnut, trasport, tħaddim ta' mħażen u servizzi loġistiċi,

— għal Frisol Beheer: kummerċ bi prodotti tal-petroleum għal vapuri u bejgħ bl-ingrossa fi swieq fuq il-post għal-prodotti tal-petroleum u derivattivi,

— għal Reggeborgh Groep: flimkien mal-enerġija, prinċiparjament l-industrija tal-kostruzzjoni,

— għal North Sea Petroleum Holding: Il-kombinazzjoni tal-attivitajiet ta' STAK van der Sluijs Groep u Frisol Beheer.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni avżata tista' taqa' fil-portata tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħharija dwar dan il-punt hija rriżervata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M. 5315 — STAK Van der Sluijs Groep/Frisol Beheer/North Sea Petroleum Holding, fl-indirizz ta' hawn taħt:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.

# ATTI OĦRAJN

# KUMMISSJONI

### Avviż dwar talba skond l-Artikolu 30 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE — Estensjoni tad-data ta' l-għeluq

### Talba mingħand Stat Membru

(2008/C 250/12)

Fit-3 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni rċeviet talba skond l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u dawk postali ([1]).

Din it-talba, mingħand ir-Repubblika Ċeka, tikkonċerna l-produzzjoni ta' l-elettriku f'dan il-pajjiż. It-talba kienet is-suġġett ta' pubblikazzjoni fil-ĠU C 178, 15.7.2008, p. 29. Il-perjodu inizjali jiskadi fl-4 ta' Ottubru 2008.

Ġaladarba s-servizzi tal-Kummissjoni jeħtiġilhom jiksbu u jeżaminaw informazzjoni supplimentari, skond id-dispożizzjonijiet ipprovduti fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 30(6), iż-żmien li l-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex tieħu deċiżjoni dwar din it-talba qed jiġi estiż bi tliet xhur.

Il-perjodu għalhekk jiskadi fl-4 ta' Jannar 2009.

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.